

Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea

C 201



Edizzjoni bil-Malti

Informazzjoni u Avviżi

Volum 57

30 ta' Ġunju 2014

Werrej

IV *Informazzjoni*

INFORMAZZJONI MINN ISTITUZZJONIJET, KORPI, UFFIĊĠI U AĠENZJI TAL-UNJONI EWROPEA

Il-Parlament Ewropew

2014/C 201/01

Rapport dwar il-ġestjoni baġitarja u finanzjarja — Taqsima i: il-Parlament Ewropew — Sena Finanzjarja 2013 1

MT

IV

(Informazzjoni)

INFORMAZZJONI MINN ISTITUZZJONIJET, KORPI, UFFIĊĊJI U AĠENZIJI TAL-UNJONI EWROPEA

IL-PARLAMENT EWROPEW

RAPPORT DWAR IL-ĠESTJONI BAĠITARJA U FINANZJARJA

TAQSIMA I: IL-PARLAMENT EWROPEW

SENA FINANZJARJA 2013

(2014/C 201/01)

WERREJ

	<i>Paġna</i>
INTRODUZZJONI	3
I. ĠESTJONI FINANZJARJA: TAGĦRIF ĠENERALI	3
A. Dħul	4
B. Baġit inizjali u baġits emendatorji	4
C. Impenji u pagamenti	5
D. Riporti tal-approprjazzjonijiet mill-2013 sal-2014.	5
E. Użu tar-riporti mill-2012 għal 2013	5
F. Approprjazzjoniet minn dħul assenjat	6
G. Kanċellazzjonijiet ta' approprjazzjonijiet kurrenti.	7
H. Trasferimenti.	8
H.1. Trasferimenti ta' approprjazzjonijiet proviżorji (eskluż it-trasferiment ta' tlaqqit)	11
H.2. Trasferimenti minn sorsi oħra barra t-trasferiment ta' tlaqqit	12
H.3. Trasferiment C12 imsejjaħ "ta' tlaqqit".	13
II. IL-ĠESTJONI FINANZJARJA SKONT IL-KAPITOLU	16
A. Kapitolu 1 0 "Membri tal-istituzzjoni"	18
B. Kapitolu 1 2 "Uffiċjali u aġenti temporanji"	18
C. Kapitolu 1 4 "Persunal ieħor u servizzi esterni".	19
D. Kapitolu 1 6 "Infiq ieħor relatat mal-persuni li jaħdmu fl-istituzzjoni".	20
E. Kapitolu 2 0 "Bini u nefqiet relatati"	21
F. Kapitolu 2 1 "Proċessar ta' data, tagħmir u għamara".	22
G. Kapitolu 2 3 "In-nefqa amministrattiva u kurrenti"	23
H. Kapitolu 3 0 "Laqgħat u Konferenzi"	24

	<i>Paġna</i>
I. Kapitolu 3 2 “L-opinjoni tal-esperti u informazzjoni: akkwistar, arkivjar, produzzjoni u tixrid”	24
J. Kapitolu 4 0 “Nefqa relatata ma’ ċerti istituzzjonijiet u ma’ ċerti korpi”	25
K. Kapitolu 4 2 “Nefqa relatata mal-assistenza parlamentari”	26
L. Kapitolu 4 4 “Laqgħat u attivitajiet oħra tal-Membri attwali u dawk preċedenti”	27
M. Titolu 10 “Infiq ieħor”	27
III. OĖJETTIVI TAL-2013 U RIŻULTATI	27
A. Tkomplija tal-aġġustamenti istituzzjonali marbuta mat-Trattat ta’ Lisbona	27
A.1. Appoġġ għar-riċerka	27
A.2. Ġestjoni tal-għarfien	28
A.3. Kodeċizzjoni u kunsens fil-qasam tal-politika esterna	28
A.4. Titjib tas-servizzi marbuta mas-Seduta Plenarja	29
B. Strateġija ta’ komunikazzjoni u preparazzjoni għall-kampanja ta’ informazzjoni għall-elezzjonijiet tal-2014	29
B.1. Attivitajiet organizzati fil-livell ċentrali	29
B.2. Attivitajiet deċentralizzati	30
B.3. EYE	30
B.4. Progress imwettaq fil-livell tal-proġett tad-Dar l-Istorja Ewropea	30
B.5. Titjib fis-servizzi għall-viżitaturi	30
C. Bidliet istituzzjonali li jirriżultaw mill-adeżjoni tal-Kroazja	30
D. Tkomplija tal-implimentazzjoni ta’ programmi pluriennali għar-razzjonalizzar u l-immodernizzar ta’ taqsimiet ewlenin tal-Ammistrazzjoni tal-Parlament	31
D.1. Il-politika tal-proprjetà immobbli	31
D.2. Il-politika ambjentali	32
D.3. Il-politika tal-forniment tal-ikel	33
D.4. Tkomplija tal-modernizzazzjoni tat-teknoloġiji tal-informazzjoni/Sikurezza	33
D.5. Relazzjonijiet mal-parlamenti nazzjonali	33
D.6. Ristrutturar fil-fond tas-servizzi tas-sikurezza	34
E. Miżuri oħra ta’ modernizzazzjoni	34
E.1. Titjib tas-servizzi għall-Membri	34
E.2. Il-ġestjoni finanzjarja u baġitarja	34
E.3. Ġestjoni tar-riżorsi umani	36
E.4. Ġestjoni tad-dokumenti u tal-arkivji	36
F. Żvilupp tal-istruttura kollha tas-Segretarjat Ġenerali (gruppi politiċi inklużi)	36
ANNESI	39
Anness I – rendikont tat-trasferimenti “C” matul is-sena finanzjarja 2013	39
Anness II – Rendikont tat-trasferimenti “P” matul is-sena finanzjarja 2013	42
Anness III – Implimentazzjoni tal-appropriazzjonijiet tal-2013	44

INTRODUZZJONI

1. Dan ir-rapport janalizza l-ġestjoni baġitarja u finanzjarja tal-Parlament Ewropew għas-sena finanzjarja 2013. Jiddeskrivi l-użu tar-riżorsi finanzjarji kif ukoll l-avvenimenti li kellhom influwenza sinifikanti fuq l-attivitajiet tas-sena finanzjarja (il-partijiet I u II) u jagħti rendikont fil-qosor tar-riżultati li nkisbu fir-rigward tal-oġġettivi stabbiliti għas-sena 2013 (il-parti III).
2. Ir-rapport tfassal skont l-Artikolu 142 tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002⁽¹⁾, li minn issa 'l quddiem se jissejjaħ "Ir-Regolament Finanzjarju" u skont l-Artikolu 227 tar-Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni Nru 1268/2012 tad-29 ta' Ottubru 2012 dwar ir-regoli tal-applikazzjoni tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012⁽²⁾. L-analiżi hija bbażata fuq il-kontijiet baġitarji proviżorji kif stabbiliti mill-Uffiċjal tal-Kontabilità.

I. ĠESTJONI FINANZJARJA: TAGĦRIF ĠENERALI

3. L-appropriazzjonijiet finali tal-Parlament għall-2013 ammontaw għal EUR 1 750 463 939, jiġifieri 19,07 % tal-limitu massimu tal-intestatura V tal-Qafas Finanzjarju⁽³⁾. It-tabella 1 ta' hawn taħt tippreżenta l-implimentazzjoni tal-baġit tal-Parlament Ewropew matul is-sena finanzjarja 2013.

Tabella 1

Użu tal-appropriazzjonijiet

Tip ta' appropriazzjoni	Appropriazzjonijiet fl-2013 (EUR jew %)	Appropriazzjonijiet fl-2012 (EUR jew %)	Varjazzjoni 2013/2012
Appropriazzjonijiet			
Appropriazzjonijiet inizjali	1 750 463 939	1 717 868 121	1,9 %
Baġit emendatorju	0	0	
Appropriazzjonijiet finali	1 750 463 939	1 717 868 121	1,9 %
Implimentazzjoni kurrenti			
Impenji	1 735 963 486	1 693 038 015	2,5 %
bħala % tal-appropriazzjonijiet finali	99,2 %	98,6 %	0,6 %
Pagamenti	1 458 188 881	1 387 580 140	5,1 %
bħala % tal-impenji	84,0 %	82,0 %	-2,0 %
Riporti għas-sena ta' wara			
Riporti awtomatiċi għas-sena ta' wara (*)	277 774 605	305 457 875	-9,1 %
bħala % tal-appropriazzjonijiet finali	15,9 %	17,8 %	-1,9 %
bħala % tal-impenji	16,0 %	18,0 %	-2,0 %
Riporti mhux awtomatiċi (appropriazzjonijiet mhux impenjati riportati għas-sena ta' wara) (**)	734 000	0	—
bħala % tal-appropriazzjonijiet finali	0,0 %	0,0 %	—
Kanċellazzjonijiet			
Appropriazzjonijiet ikkanċellati	13 766 453	24 830 106	-44,6 %
bħala % tal-appropriazzjonijiet finali	0,8 %	1,4 %	-0,6 %

(¹) ĠU L 298, 26.10.2012, p. 1.

(²) ĠU L 362, 31.12.2012, p. 1.

(³) Ftehim interstituzzjonali bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni dwar id-dixxiplina baġitarja u l-ġestjoni finanzjarja tajba (ĠU C 139, 14.6.2006, p. 1).

Tip ta' approprjazzjoni	Approprjazzjonijiet fl-2013 (EUR jew %)	Approprjazzjonijiet fl-2012 (EUR jew %)	Varjazzjoni 2013/2012
Riporti mis-sena preċedenti			
Riporti awtomatiċi mis-sena preċedenti (€)	305 457 875	222 900 384	37,0 %
Pagamenti minn dawn ir-riporti	286 109 573	197 991 076	44,5 %
bħala % tar-riporti	93,7 %	88,8 %	4,9 %
Ammont ikkanċellat	19 348 302	24 909 308	- 22,3 %
Riporti mhux awtomatiċi mis-sena preċedenti (**)	0	21 700 000	- 100,0 %
Pagamenti minn dawn ir-riporti	—	15 649 030	—
bħala % tat-trasferimenti	—	72,1 %	—
Approprjazzjonijiet minn dħul assenjat waqt is-sena			
Approprjazzjonijiet minn dħul assenjat waqt is-sena	25 991 783	22 274 843	16,7 %
Impenji	16 907 174	18 028 503	- 6,2 %
bħala % tal-approprjazzjonijiet minn dħul allokat	65,0 %	80,9 %	- 15,9 %
Pagamenti	8 997 498	11 216 674	- 19,8 %
bħala % tal-approprjazzjonijiet minn dħul assenjat	53,2 %	62,2 %	- 9,0 %
Approprjazzjonijiet disponibbli minn dħul assenjat waqt is-sena	9 084 608	4 246 340	113,9 %
Approprjazzjonijiet minn dħul assenjat riportat għas-sena ta' wara			
Approprjazzjonijiet minn dħul assenjat riportat għas-sena ta' wara	106 934 452	106 900 532 (***)	- 0,1 %
Approprjazzjonijiet minn dħul assenjat riportat mis-sena preċedenti			
Approprjazzjonijiet minn dħul assenjat riportat mis-sena preċedenti	106 900 532	107 592 247	- 0,7 %
Impenji	104 147 894	105 482 187	- 1,3 %
bħala % tal-approprjazzjonijiet minn dħul allokat	97,4 %	98,0 %	- 0,6 %
Pagamenti	16 460 753	10 735 958	53,3 %
bħala % tal-impenji	15,8 %	10,2 %	5,6 %

Kummenti:

(€) L-Artikoli 13(1) u 13(4) tar-Regolament Finanzjarju

(**) L-Artikoli 13(1), 13(2)(a) u 13(5) tar-Regolament Finanzjarju

(****) Ammont ikkoreġut

Id-data tat-tabella tibbaża fuq il-kontijiet proviżorji stabbiliti mill-Uffiċjal tal-Kontabilità fis-6.3.2014 għas-sena 2013.

A. Dħul

4. L-ammont totali tad-dħul imdaħħal fil-kontijiet fil-31 ta' Diċembru 2013 ammonta għal EUR 158 117 371 (2012: EUR 175 541 860), li minnu EUR 25 991 783 minn dħul assenjat (2012: EUR 22 274 843).

B. Baġit inizjali u baġits emendatorji

5. It-total tal-approprjazzjonijiet tal-baġit finali tal-Parlament għall-2013 ammonta għal EUR 1 750 463 939, jiġifieri żieda ta' 1,9 % meta mqabbel mal-baġit tal-2012 (EUR 1 717 868 121).

C. Impenji u pagamenti

6. L-impenji ammontaw għal EUR 1 735 963 486, jiġifieri 99 % tal-appropriazzjonijiet finali (2012: 99 %). Il-pagamenti ammontaw għal total ta' EUR 1 458 188 881, jiġifieri 84 % tal-impenji li ttieħdu (2012: 82 %).

D. Riporti tal-appropriazzjonijiet mill-2013 sal-2014

7. Ir-riporti awtomatiċi għas-sena finanzjarja 2014 ammontaw għal EUR 277 774 604, jiġifieri 16 % tal-appropriazzjonijiet impenjati (2012: 18 %). Ir-riporti mhux awtomatiċi tal-appropriazzjonijiet fis-sena finanzjarja 2014, b'applikazzjoni tal-Artikolu 13 tar-Regolament Finanzjarju żdiedu għal EUR 734 000.

E. Użu tar-riporti mill-2012 għal 2013

8. Ir-riporti awtomatiċi tal-appropriazzjonijiet għall-2013 ammontaw għal total ta' EUR 305 457 875 (2012: EUR 222 900 384). Il-pagamenti minn dawn ir-riporti ġew stabbiliti għal EUR 286 109 573, jiġifieri 94 % (2012: 89 %). B'hekk l-ammont ikkanċellat ammonta għal EUR 19 348 302, 22 % anqas meta mqabbel mal-2012 (EUR 24 909 308). Il-kanċellazzjonijiet ikkonċernaw essenzjalment l-Artikoli li ġejjin: l-Artikolu 2 0 0 "Bini", l-Artikolu 2 0 2 "In-nefqa fuq il-bini", l-Artikolu 3 2 4 "Produzzjoni u tixrid", l-Artikolu 2 1 0 "Informatika u Telekomunikazzjonijiet", l-Artikolu 1 4 0 "Aġenti oħra u ħaddiema esterni" u l-Artikolu 3 0 0 "Nefqiet għall-missjonijiet tal-istaff u vvjaġġar fuq xogħol bejn it-tliet postijiet ta' ħidma". Il-kanċellazzjonijiet li jikkonċernaw dawn is-sitt Artikoli jirrappreżentaw 74 % tat-total tal-ammonti kkanċellati.
9. L-ammonti kkanċellati u r-raġunijiet prinċipali ta' dawn il-kanċellazzjonijiet huma ppreżentati fit-tabella 2.

Tabella 2

Raġunijiet ewlenin għall-kanċellazzjonijiet tal-appropriazzjonijiet riportati awtomatikament mill-2012 sal-2013

Artikolu	Kanċellazzjoni	Raġunijiet ewlenin għall-kanċellazzjonijiet
Artikolu 200 "Bini"	5 481 983	Partita 2 0 0 7 Sistemazzjoni fil-bini: Kanċellazzjoni ta' EUR 4,33 miljuni relatati ma' diversi xogħlijiet tard jew li ma twettqux fit-tliet postijiet ta' xogħol u fl-uffiċċju ta' informazzjoni f'Kopenhagen. Partita 2 0 0 5 Il-kostruzzjoni ta' bini: kanċellazzjoni ta' EUR 0,76 miljuni relatati mal-proġett KAD fil-Lussemburgu. Wara d-deċiżjoni li jinbidel il-manijer tal-proġett għax-xogħlijiet tal-KAD, ġie ffirmat ftehim sabiex jiġi fformalizzat it-tmiem tar-relazzjoni ta' ħidma. Ċerti servizzi previsti inizjalment qatt ma twettqu u b'hekk qatt ma ġew fatturati. Partita 2 0 0 8 Ġestjoni tal-proprjetà immobbli speċifika: kanċellazzjoni ta' EUR 0,34 miljuni relatati ma' diversi servizzi fi Brussell.
Artikolu 2 0 2 "In-nefqa fuq il-bini"	3 305 808	Partita 2 0 2 2 It-tindif u l-manutenzjoni: kanċellazzjoni ta' EUR 2,15 miljuni. Partita 2 0 2 4 Konsum tal-enerġija: kanċellazzjoni ta' EUR 0,76 miljuni. Il-kanċellazzjonijiet għal dawn iż-żewġ Partiti kienu bżonnjużi biex tiġi prevista marġni suffiċjenti sabiex tkopri l-agħar eventwalitajiet. Huwa diffiċli li jiġu kalkulati b'mod preċiż l-appropriazzjonijiet li għandhom jiġu riportati, peress li l-fatturazzjoni annwali tkun għadha mhux kompluta fil-mument tar-riport.
Artikolu 3 2 4 "Produzzjoni u tixrid"	2 379 658	Partita 3 2 4 2: kanċellazzjoni ta' EUR 0,48 miljuni relatati ma' diversi servizzi. Partita 3 2 4 8: kanċellazzjoni ta' EUR 1,00 miljun relatat ma' diversi impenji li għalihom l-istimi kellhom marġni ta' sigurtà.


Artikolu	Kanċellazzjoni	Raġunijiet ewlenin għall-kanċellazzjonijiet
Artikolu 2 1 0 "Informatika u Telekomunikazzjonijiet"	1 488 199	Parti tal-operazzjonijiet previsti ma setgħetx titwettaq skont kif kien ippjanat.
Artikolu 1 4 0 "Aġenti oħra u ħaddiema esterni"	897 006	Partita 1 4 0 2 Interpreti għall-konferenzi: kanċellazzjoni ta' EUR 0,71 miljuni. L-ammont riportat għall-2013 kien jinkludi dispożizzjoni għall-aġġustament tas-salarju, li fl-aħħar ma sehxx fl-2013.
Artikolu 3 0 0 "Nefqiet għall-missjonijiet tal-istaff u vjaġġar fuq xogħol bejn it-tliet postijiet ta' xogħol"	807 164	Il-kanċellazzjonijiet għal dan l-Artikolu kienu bżonnjużi biex tiġi prevista marġni suffiċjenti sabiex tkopri l-aġġar eventwalitajiet.

F. Approprijazzjoniet minn dħul assenjat

10. Id-dħul assenjat li kien disponibbli fl-2013 ammonta għal total ta' EUR 25 991 783 (2012: EUR 22 274 843). L-impenji ammontaw għal EUR 16 907 174, jiġifieri rata ta' impenn ta' 65 % (2012: 81 %). Il-pagamenti ammontaw għal EUR 8 997 498, jiġifieri 53 % tal-impenji li ttehdhu (2012: 62 %).
11. Is-sors tal-approprijazzjonijiet mid-dħul assenjat fl-2013 huwa analizzat fil-figura hawn isfel:

Figura 1

Approprijazzjonijiet minn dħul assenjat fl-2013 skont il-kapitolu



12. L-approprijazzjonijiet minn dħul assenjat riportati għall-2013 ammontaw għal total ta' EUR 106 900 532 (2012: EUR 107 592 247). Il-maġġoranza (91 %) ta' dan id-dħul ġejja mill-kapitolu 2 0 u tirriżulta prinċipalment minn trasferiment ta' EUR 85 987 000 imwettaq mill-Istat Belġjan, fis-27 ta' Jannar 2010, fil-kuntest tat-tqassim tal-ispiża tal-art li fuqha hemm is-sit għall-bini D4 u D5 u tal-ispejjeż ta' żvilupp tas-saqaf fuq l-istazzjon ta' Brussell-Lussemburgu.
13. It-total tal-impenji minn dħul assenjat riportat ammonta għal EUR 104 147 894 fl-aħħar tas-sena 2013 (2012: EUR 105 482 187). Il-pagamenti mwettqa fl-2013 irrappreżentaw 16 % tal-impenji (2012: 10 %). Il-maġġoranza tal-impenji tikkonċerna x-xiri tal-bini TREBEL, b'mod konformi mad-deċiżjoni tal-Bureau tat-30 ta' Novembru 2011.

14. Is-somma ta' EUR 106 934 452 ġiet trasferita għas-sena finanzjarja 2014, li minnha l-ammont ta' EUR 16 494 703 ġej minn approprjazzjonijiet minn dħul assenjat fl-2013 (il-kanċellazzjonijiet tal-approprjazzjonijiet jammontaw għal EUR 499 582) u EUR 90 335 056 tal-approprjazzjonijiet minn dħul assenjat riportat mill-2012 (il-kanċellazzjonijiet tal-approprjazzjonijiet jammontaw għal EUR 30). L-ammont ta' EUR 85 897 000 imħallas mill-Istat Belġjan f'Janar 2010 (ara l-paragrafu 12) jikkostitwixxi dħul assenjat estern fis-sens tal-Artikolu 21(2) tar-Regolament Finanzjarju. L-approprjazzjonijiet riportati minn dħul assenjat intern jammontaw għal EUR 21 037 452.

G. Kanċellazzjonijiet ta' approprjazzjonijiet kurrenti

15. Ammont ta' EUR 13 766 453 (2012: EUR 24 830 106), li jirrappreżenta 0,8 % tal-approprjazzjonijiet finali (2012: 1,4 %), ġie kkanċellat. Ir-raġunijiet ewlenin għal din il-kanċellazzjoni huma ppreżentati fit-tabella ta' hawn taħt:

Tabella 3

Raġunijiet ewlenin għall-kanċellazzjonijiet tal-approprjazzjonijiet kurrenti fl-2013

Artikolu	Ammont ikkanċellat (EUR)	Bħala % tat-total ikkanċellat	% kanċellazzjoni/ Artikolu	Raġunijiet ewlenin għall-kanċellazzjoni
2 0 2 In-nefqa fuq il-bini	2 261 331	16 %	2,2 %	Din hija kanċellazzjoni essenzjalment teknika minn diversi Partiti peress li mhux possibbli li jiġi previst b'mod preċiż sentejn minn qabel kemm se jkunu r-rati tal-indiċi applikabbli għall-kuntratti differenti jew x'se jkun ir-riżultat tas-sejħa għall-offerti għall-kuntratti li skadew.
2 3 5 Telekomunikazzjoni	1 250 491	9 %	21,1 %	It-tariffi tat-telekomunikazzjonijiet jonqsu b'mod regolari. Barra minn hekk, id-diġitalizzazzjoni sħiħa tat-telekomunikazzjonijiet tippermetti l-ottimizzazzjoni tar-routing tat-traffiku fit-tliet postijiet prinċipali ta' xogħol.
4 2 2 Assistenza parlamentari	1 134 620	8 %	0,6 %	Din hija kanċellazzjoni essenzjalment teknika peress li mhux possibbli li jiġi previst b'mod preċiż sentejn minn qabel kemm il-Membri se jużaw il-baġit tagħhom.
2 0 0 Bini	1 012 426	7 %	0,7 %	Din hija kanċellazzjoni essenzjalment teknika peress minn diversi Partiti.
3 2 4 Produzzjoni u tixrid	993 189	7 %	0,9 %	Din hija kanċellazzjoni essenzjalment teknika peress minn diversi Partiti.
3 2 0 L-opinjoni tal-esperti	875 320	6 %	8,8 %	Din hija kanċellazzjoni minn diversi Partiti. Mill-Partita 3 2 0 0, l-ispejjeż tal-opinjoni tal-esperti għal żewġ kumitati parlamentari kienu bbaġġitjati iżda kumitat wieħed biss ġie stabbilit (EUR 0,3 miljuni).
3 0 4 Nefqiet varji għal laqgħat	851 320	6 %	12,1 %	Din hija kanċellazzjoni essenzjalment teknika peress minn diversi Partiti.

Artikolu	Ammont ik-kanċellat (EUR)	Bħala % tat-total ikkanċellat	% kanċellazzjoni/ Artikolu	Raġunijiet ewlenin għall-kanċellazzjoni
2 1 6 Vetturi	658 069	5 %	10,1 %	L-appropriazzjonijiet kienu jipprevedu riserva (EUR 0,37 miljuni) għall-aġenzija ta' riservazzjoni tal-karozzi iżda ma ddaħħal l-ebda impenn għaliex il-kuntratt twaqqaf wara fażi pilota mingħajr suċċess. Barra minn hekk, il-kuntratt il-ġdid ta' assigurazzjoni jiswa inqas milli kien mistenni filwaqt li s-sejħa għall-offerti ma setgħetx tiġi finalizzata qabel it-tmiem tal-2013.

H. Trasferimenti

16. Matul is-sena finanzjarja, 10 trasferimenti C (fosthom it-trasferiment imsejjaħ "ta' tlaqqit") ġew approvati skont l-Artikoli 27 u 46 tar-Regolament Finanzjarju ⁽¹⁾. Dawn ammontaw għat-total ta' EUR 69 088 000, jiġifieri 3,9 % tal-appropriazzjonijiet finali (fl-2012: 10 trasferimenti li jirrappreżentaw 4,7 % tal-appropriazzjonijiet finali). Il-President approva 10 trasferimenti P minn dħul kurrenti taħt l-Artikolu 25(1) tar-Regolament Finanzjarju ⁽²⁾, għal ammont totali ta' EUR 9 798 500, jiġifieri 0,6 % tal-appropriazzjonijiet finali (2012: 8 trasferimenti li jirrappreżentaw 0,6 % tal-appropriazzjonijiet finali).
17. B'kollox, 20 trasferiment C u P minn dħul kurrenti ġew approvati fl-2013, għal ammont ta' EUR 78 886 500, jiġifieri 4,5 % tal-appropriazzjonijiet finali (fl-2012: 18-il trasferiment ta' ammont totali ta' EUR 90 841 790, jiġifieri 5,3 % tal-appropriazzjonijiet finali).

Tabella 4

Trasferimenti skont il-bażi ġuridika

Numru ta' trasferimenti	Ammont trasferit (EUR)	F% tal-appropriazzjonijiet definitivi
<i>Trasferimenti C (Artikoli 27 u 46 tar-RF)</i>		
10 Trasferimenti C	69 088 000	3,9 %
Inkluż trasferiment ta' tlaqqit (C12)	54 000 000	3,1 %
<i>Trasferimenti P (Artikolu 25(1) tar-RF)</i>		
10 Trasferimenti P minn dħul kurrenti	9 798 500	0,6 %
Trasferimenti C+P minn dħul kurrenti	78 886 500	4,5 %

Tabella 5

Analiżi tat-trasferimenti C skont il-linja baġitarja li għandha tirċievi t-trasferiment

(EUR)

Partita li għandha tirċievi t-trasferiment		Trasferiment	Ammont trasferit
1 0 0 5	Spejjeż oħra ta' vvjaġġar	C9	1 100 000

⁽¹⁾ Artikolu 27 – "Proposti ta' trasferimenti ppreżentati lill-Awtorità Baġitarja" u l-Artikolu 46 – "Provvedimenti" tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012.

⁽²⁾ Deċiżjoni meħuda mill-istituzzjoni biex tippocedi għat-trasferimenti ta' appropriazzjonijiet fi ħdan artikolu.

		(EUR)	
Partita li għandha tirċievi t-trasferiment		Trasferiment	Ammont trasferit
1 0 3 0	Pensjonijiet tal-irtirar	C9	1 600 000
1 0 5 0	Korsijiet tal-lingwa u tal-informatika	C11	60 000
1 2 2 0	Kumpens fil-każ ta' rtirar mill-impjieg fl-interess tas-servizz	C3	110 000
2 0 0 1	Pagamenti ta' ċnus	C12	54 000 000
2 1 0 0	Tagħmir u softwer għat-teknoloġiji tal-informatika u tal-innovazzjoni	C1	100 000
2 1 0 0	Tagħmir u softwer għat-teknoloġiji tal-informatika u tal-innovazzjoni	C8	940 000
2 1 0 0	Tagħmir u softwer għat-teknoloġiji tal-informatika u tal-innovazzjoni	C7	1 760 000
2 1 0 2	Prestazzjonijiet esterni għat-teknoloġiji tal-informatika u tal-innovazzjoni	C1	200 000
2 1 0 2	Prestazzjonijiet esterni għat-teknoloġiji tal-informatika u tal-innovazzjoni	C8	560 000
2 1 4 0	Tagħmir u stallazzjonijiet tekniċi	C1	250 000
2 1 6 0	Materjal tat-trasport	C1	420 000
3 2 0 0	Opinjoni tal-esperti	C1	30 000
3 2 4 1	Pubblikazzjonijiet diġitali u tradizzjonali	C5	150 000
3 2 4 2	Infiq fuq pubblikazzjonijiet, informazzjoni u parteċipazzjoni favvenimenti pubbliċi	C4	1 734 000
4 2 2 0	Assistenza parlamentari	C10	6 074 000
Total			69 088 000

Tabella 6

Analiżi tat-trasferimenti C skont il-kategorija tal-infiq u skont l-oġettiv

Kategorija tal-infiq li rċeviet it-trasferiment	Suġġett	Trasferiment	Ammont (EUR)	%
Politika tal-proprjeta immobbli	Proġett KAD	C12	54 000 000	78
Total tal-politika tal-proprjeta immobbli				78

Kategorija tal-infiq li rċeviet it-trasferiment	Suġġett	Trasferiment	Ammont (EUR)	%
Membri	Korsijiet tal-lingwa u tal-informatika	C11	60 000	0
	Pensjonijiet tal-irtirar	C9	1 600 000	2
	Spejjeż tal-ivvjaġġar	C9	1 100 000	2
	Rilaxx mir-riserva għas-salarji, l-ispejjeż ta' missjoni u n-nefqa għat-taħriġ professjonali esterni tal-assistenti parlamentari akkreditati	C10	6 074 000	9
Total Membri			8 834 000	13
Amministrazzjoni	Allowance fil-każ ta' irtirar kmieni mix-xogħol fl-interess tas-servizz	C3	110 000	0
	Proġetti relatati mas-servizzi tal-forniment tal-ikel u l-ġestjoni tal-Iskart Ekoloġiku	C1	250 000	0
	Xiri ta' vetturi elettriċi għat-trasport ta' oġġetti u Xiri ta' roti regolari u elettriċi	C1	420 000	1
	Studju biex jiġi identifikat mezz ta' tisħiħ tal-aspett ta' sostenibilità tas-servizzi tal-forniment tal-ikel fil-Parlament Ewropew.	C1	30 000	0
Total Amministrazzjoni			810 000	1
Informazzjoni	Avveniment Ewropew taż-Żgħażaġħ 2014	C4	1 734 000	3
Total Informazzjoni			1 734 000	3
L-Informatika	Titjib tal-faċilitajiet u s-servizzi tal-vidjokonferenzi	C1	300 000	0
	Provvediment tal-mezz tax-xiri tat-tablets li jistgħu jsiru disponibbli mill-bidu tal-2014, kif deċiż mill-Kumitat ta' Tmexxija għall-Innovazzjoni tal-ICT li nħloq mill-Bureau.	C8	1 500 000	2
	Rilaxx tar-riserva biex tiġi sostitwita s-sistema "Streamline", is-sistema prinċipali għall-ġestjoni tar-riżorsi umani tal-Parlament, minn "Sysper 2", is-sistema li tintuża prattikament mill-istituzzjonijiet Ewropej kollha l-oħra.	C7	1 760 000	3
	Tnedija ta' proġett ta' stabbiliment ta' Spazju kollaborattiv Sharepoint bejn it-tradutturi.	C5	150 000	0
Total Informatika			3 710 000	5
Total			69 088 000	100

H.1. *Trasferimenti ta' approprjazzjonijiet proviżorji (eskluż it-trasferiment ta' tlaqqit)*

18. Din it-taqsimha teżamina l-użu tal-appropriazzjonijiet tal-Kapitolu 10 1 "Riserva ta' kontinġenza" u tal-Kapitolu 10 8 "Riserva tal-EMAS". Dawn il-kapitoli, li jidhru fit-Titolu 10 "Infiq ieħor", jissejħu "approprjazzjonijiet proviżorji" fil-bqija ta' dan ir-rapport. It-titolu 10 "Infiq ieħor" ikkostitwixxa s-sors ewlieni ta' trasferimenti barra mit-trasferiment ta' tlaqqit peress li 59% tal-appropriazzjonijiet barra mit-trasferiment ta' tlaqqit ġejjin minn din l-intestatura (Eur 8 834 000 minn total ta' EUR 15 088 000).
19. Minn dan l-ammont, EUR 6 074 000 kienu previsti għall-Membri, EUR 2 060 000 għall-informatika u EUR 700 000 għall-amministrazzjoni. Id-destinazzjoni tat-trasferimenti tal-appropriazzjonijiet proviżorji u l-oġettiv tagħhom huma deskritti hawn taħt.

Tabella 7

Destinazzjoni tat-trasferimenti minn approprjazzjonijiet proviżorji

				(EUR)
Sors tal-Artikolu	Trasferiment	Partita destinarja	Oġettiv	Ammont trasferit
10 1	C7	2 1 0 0	Rilaxx tar-riserva biex tiġi sostitwita s-sistema "Streamline", is-sistema prinċipali għall-ġestjoni tar-riżorsi umani tal-Parlament, minn "Sysper 2", is-sistema li tintuża prattikament mill-istituzzjonijiet Ewropej kollha l-oħra.	1 760 000
10 8	C1	2 1 0 0 2 1 0 2	Titjib tal-faċilitajiet u s-servizzi tal-vidjokonferenzi	300 000
Total Informatika				2 060 000
10 1	C10	4 2 2 0	Rilaxx mir-riserva għas-salarji, l-ispejjeż ta' missjoni u n-nefqa għat-taħriġ professjonali esterni tal-assistenti parlamentari akkreditati.	6 074 000
Total Membri				6 074 000
10 8	C1	2 1 4 0	Proġetti relatati mas-servizzi tal-forniment tal-ikel u l-ġestjoni tal-Iskart Ekoloġiku	250 000
10 8	C1	2 1 6 0	Xiri ta' vetturi elettriċi għat-trasport ta' oġġetti u Xiri ta' roti regolari u elettriċi	420 000
10 8	C1	3 2 0 0	Studju biex jiġi identifikat mezz ta' tisħiħ tal-aspett ta' sostenibilità tas-servizzi tal-forniment tal-ikel fil-Parlament Ewropew.	30 000
Total Amministrazzjoni				700 000
Total				8 834 000

H.2. *Trasferimenti minn sorsi oħra barra t-trasferiment ta' tlaqqit*

20. Din it-taqsimha teżamina t-trasferimenti barra t-trasferiment ta' tlaqqit li ġejjin minn sorsi oħra għajr it-titolu 10 "Infiq ieħor". Ammont totali ta' EUR 6 254 000 ġie trasferit għal dawn it-trasferimenti minn titoli oħra. L-ispejjeż relatati mal-Membri rrappreżentaw l-akbar parti ta' dawn it-trasferimenti, jiġifieri 44 %, segwiti mill-ispejjeż marbuta mal-informazzjoni (28 %), l-informatika (26 %) u l-ispejjeż marbuta mal-amministrazzjoni (2 %). It-tabella 8a tagħti ħarsa ġenerali ta' dawn it-trasferimenti.

Tabella 8.a

Orġini tat-trasferimenti C ta' sorsi oħra għajr l-approprijazzjonijiet proviżorji barra t-trasferiment ta' tlaqqit

(EUR)			
Trasferiment	Partita oriġinali	Suġġett	Ammont trasferit
C3	1 2 0 0	Trasferiment mill-Partita "Rimunerazzjoni u allowances" għall-Partita "Allowance fil-każ ta' rtirar kmieni mix-xogħol fl-interess tas-servizz" għall-kopertura tal-ħtiġijiet fuq il-bażi tal-Artikolu 50 tar-Regolamenti tal-Persunal.	110 000
C4	1 4 0 2	Trasferiment mill-Partita "Interpreti għall-konferenzi" għall-Partita "Infiq fuq pubblikazzjonijiet, informazzjoni u parteċipazzjoni f'avvenimenti pubbliċi" biex tkun koperta l-ispiża tal-organizzazzjoni tal-Avveniment Ewropew taż-Żgħażaġħ 2014 (EYE 2014).	1 734 000
C5	1 4 2 0	Trasferiment tal-Partita "Servizzi esterni" għall-Partita "Publikazzjonijiet diġitali u tradizzjonali" biex tiġi ffinanzjata t-tnejja ta' proġett ta' stabbiliment ta' spazju kollaborattiv Sharepoint bejn it-tradutturi.	150 000
C8	2 3 5 0	Trasferiment tal-Partita "Telekomunikazzjonijiet" għall-Artikolu "Informatika u telekomunikazzjonijiet" għax-xiri ta' tablets.	1 500 000
C9	1 0 0 6 1 0 1 0 1 0 1 2 1 0 2 0 1 0 3 1 3 0 0 0	Trasferiment ikkombinat tal-Partiti "Allowance għall-ispejjeż ġenerali", "Polza ta' assigurazzjoni kontra l-inċidenti, il-mard u ħlasijiet oħra tas-sigurtà soċjali", "Miżuri speċifiċi għall-benefiċċju tal-Membri Parlamentari li għandhom diżabilità", "Allowances proviżorji", "Pensjonijiet ta' invalidità" u "Nefqiet għall-missjonijiet tal-istaff u vjaġġar fuq xogħol bejn it-tliet postijiet ta' xogħol" għall-Partita "Spejjeż tal-ivvjaġġar" biex ikopru r-rimborż tal-ispejjeż tal-ivvjaġġar imġarrba fl-Istat Membru tal-elezzjoni (EUR 1 100 000) u għall-Partita "Pensjonijiet tal-irtirar" biex jitħallsu l-aretrati u l-interessi fuq ħlas tard marbuta mal-pensjonijiet ta' rtirar mħallsa lill-ex membri eletti fi Franza skont l-Anness III tar-regoli PEAM l-antiki wara s-sejba ta' differenza fir-rati ta' aġġustament applikati għal dawk il-pensjonijiet (EUR 1 600 000).	2 700 000
C11	1 0 2 0	Trasferiment tal-Partita "Allowances proviżorji" għall-Partita "Korsijiet tal-lingwa u tal-informatika" biex jiġu koperti d-domandi ta' rimborż tal-ispejjeż mill-Membri.	60 000
Total			6 254 000

H.3. *Trasferiment C12 imsejjaħ "ta' tlaqqit"*

21. Total ta' EUR 54 000 000 ġie trasferit mill-appropriazzjonijiet proviżorji u minn sorsi oħra sabiex jikkontribwixxi għall-finanzjament tal-estensjoni u tar-rinovazzjoni tal-bini Konrad Adenauer (KAD), il-proġett ewlieni ta' bini fil-Lussemburgu. It-tabella 8a tippreżenta sommarju ta' dan it-trasferiment.

Tabella 8.b

Detall tat-trasferiment "ta' tlaqqit" C12

Kapitolu sors	Intestatura	Ammont (EUR)	% tal-appropriazzjonijiet inizjali	% tat-total trasferit	Kummenti
1 0	Membri tal-Istituzzjoni	2 211 500	1 %	4 %	Użu anqas milli previst minħabba n-nuqqas ta' indiċizzazzjoni tal-allowances għal spejjeż ġenerali u s-salarji għall-2011 (wara d-deċiżjoni tad-19 ta' Novembru mill-Qorti tal-Ġustizzja) u għall-2012 (sakemm tittieħed deċiżjoni ġudizzjarja).
1 2	Uffiċjali u aġenti temporanji	7 800 000	1 %	14 %	idem.
1 4	Persunal ieħor u servizzi esterni	7 476 000	6 %	14 %	It-tfaddil prinċipali jirriżulta wkoll min-nuqqas ta' indiċizzazzjoni tas-salarji għall-2011 u l-2012, iżda wkoll minn miżuri deċiżi mill-Bureau sabiex jirrazzjonalizza l-ispejjeż ta' interpretazzjoni kif ukoll minn żieda ġdida tal-produttività tat-traduzzjoni interna, speċjalment minħabba r-rata ogħla ta' riutilizzazzjoni.
1 6	Infiq ieħor relatat mal-persuni li jaħdmu fl-istituzzjoni	968 600	5 %	2 %	L-ekonomija prinċipali ġejja mill-Partita 1 6 5 4 "Ċentri għat-tfal żgħar u skejjel materni approvati." Iċ-ċentri għat-tfal żgħar u l-iskejjel materni fil-Lussemburgu mhumiex taħt ir-responsabilità diretta tal-Parlament, iżda huma mmexxja mill-Kummissjoni; il-Kummissjoni ħabbret biss fl-aħħar tas-sena li l-livell reali ta' nfiq se jkun inferjuri għal dak previst inizjalment.
2 0	Bini u nefqiet relatati	12 983 900	6 %	24 %	It-tfaddil prinċipali jirriżulta: <ul style="list-style-type: none"> — mill-Partita 2 0 0 7 "sistemazzjoni fil-bini" minħabba dewmien f'ċerti proċeduri ta' akkwist pubbliku, — mill-Partita 2 0 2 2 "Manutenzjoni, żamma, operat u tindif tal-bini" minħabba li ma ġewx sostitwiti ċertu tagħmir, ir-riport at-proċeduri tal-akkwist pubbliku u l-użu tad-dħul assenjat, — mill-Partita 2 0 2 6 "Sigurtà u sorveljanza tal-bini" wara l-internalizzazzjoni tas-sigurtà fil-Parlament, deċiżja mill-Bureau fl-2011, is-segwitu tal-implimentazzjoni tal-politika ta' razzjonalizzazzjoni mnedija fl-2010, kif ukoll il-firma ta' ftehim qafas ġdid f'April 2012, li wassal għal tnaqqis sinifikanti tal-ispiża fis-siegħa ta' servizzi pprovduti fi Brussell.

Kapitolu sors	Intestatura	Ammont (EUR)	% tal-appropriazzjonijiet inizjali	% tat-total trasferit	Kummenti
2 1	Proċessar ta' Data, tagħmir u għamara	351 800	0,3 %	1 %	Il-maġġoranza tal-ammont tirriżulta minn użu inqas milli previst tal-Partita "Materjal u installazzjonijiet tekniċi."
2 3	In-nefqa amministrattiva kurrenti	2 043 500	14 %	4 %	Aktar min-nofs dan l-ammont ġej mill-Partita "Kumpens għall-emissjonijiet tal-karbonju tal-PE" minħabba livell tal-prezz fis-swieq internazzjonali li kien sinifikament inqas mill-previżjonijiet.
3 0	Laqgħat u Konferenzi	762 000	2 %	1 %	Dan huwa eċċess essenzjalment tekniku.
3 2	Opinjoni tal-esperti u informazzjoni akkwistat, arkivjar, produzzjoni u tixrid	2 667 935	2 %	5 %	L-eċċess jirriżulta mill-fatt li n-numru ta' studji kkummissjonati kien inqas mill-previżjonijiet, speċjalment minħabba li parti mir-riċerka saret internament.
4 0	Nefqa relatata ma' ċerti istituzzjonijiet u ma' ċerti korpi	256 000	0,3 %	1 %	Dan huwa eċċess essenzjalment tekniku.
4 2	Nefqa relatata ma' assistenza parlamentari	2 400 000	1 %	4 %	L-eċċess jirriżulta mill-fatt li mhux possibbli li jiġi previst b'mod preċiż sentejn minn qabel kemm il-Membri se jużaw il-baġit tagħhom.
10	Nefqiet oħra	14 078 765	61 %	26 %	Użu tal-appropriazzjonijiet proviżorji.
Total		54 000 000	3 %	100 %	
Partita destinatara	Intestatura	Ammont (EUR)	% tal-appropriazzjonijiet inizjali	% tat-total trasferit	Suġġett
2 0 0 1	Pagamenti ta' ċnus	54 000 000	335 %	100 %	Kostruzzjoni tal-bini l-ġdid KAD fil-Lussemburgu
Total		54 000 000	3 %	100 %	

22. Ir-rendikont tat-trasferimenti P jingħata fit-Tabella 9.

Tabella 9

Destinazzjoni tat-trasferimenti P

(EUR)

Partita destinatara	Trasferiment	Deskrizzjoni	Ammont trasferit
2 1 0 2	P5	Sabiex tinżamm il-kontinwità tas-servizz, jiġu antiċipati u aċċelerati proġetti li għaddejjin.	4 829 500

				(EUR)
Partita destinatarja		Trasferiment	Deskrizzjoni	Ammont trasferit
3 2 4 4	Organizzazzjoni u l-ospitalità ta' gruppi ta' viżitaturi, il-programm Euroscola u stedinet għall-multiplikaturi tal-opinjoni minn pajjiżi terzi	P9	Trasferiment maħsub biex jiżgura l-parteċipazzjoni tal-Parlament fl-espożizzjoni l-ġdida EU-PHORIA fi Schirmeck b'kooperazzjoni mar-reġjun tal-Alsace u l-Mémorial Alsace – Moselle.	2 000 000
2 0 0 5	Il-konstruzzjoni ta' bini	P2	Kopertura finanzjarja tas-servizzi tal-ġestjoni tal-proġett b'rabta mas-sit tal-KAD.	900 000
1 6 5 2	Nefqiet kurrenti għall-operat amministrattiv tar-ristoranti u l-kantins	P6	Trasferiment meħtieġ biex ikopri l-ispiża tal-organizzazzjoni tal-Avveniment Ewropew taż-Żgħażaġħ 2014 (EYE 2014).	515 000
3 0 4 0	Nefqiet varji għal laqgħat interni			
3 2 4 2	Nefqiet għall-pubblikazzjoni, it-tagħrif u l-parteċipazzjoni f'manifestazzjonijiet pubbliċi			
3 2 4 8	In-nefqa għall-informazzjoni awdjoviżiva	P8	Trasferimenti maħsuba biex ikopru l-ispejjeż ta' informazzjoni awdjoviżiva li kienu oġhla milli kien mistenni minħabba żewġ avvenimenti mhux ppjanifikati.	500 000
4 2 2 2	Telf mill-kambju	P1	Trasferiment mhux neċessarju biex ikopri l-ispejjeż tal-konverżjoni tal-munita marbuta mal-pagament tal-ispejjeż ta' assistenza parlamentari minħabba t-tnaqqis fil-valur tal-euro.	500 000
1 4 2 2	Attivitajiet ta' kooperazzjoni interistituzzjonali fil-qasam lingwistiku	P7	Trasferiment maħsub biex jiffinanzja l-għodda informatika ġdida CAT (Computer-Assisted Translation).	220 000
4 2 2 0	Assistenza parlamentari	P10	Trasferiment meħtieġ għall-pagament tas-salarji u l-missjonijiet tal-assistenti parlamentari.	200 000
3 2 4 5	Organizzazzjoni ta' symposia, seminars u attivitajiet kulturali	P4	Trasferiment maħtieġ għall-pagament ta' premijiet preċedenti Sakharov li ma setgħux jitħallsu fil-passat minħabba restrizzjonijiet fuq il-moviment tar-rebbieħa kkonċernati.	100 000
1 4 2 2	Attivitajiet ta' kooperazzjoni interistituzzjonali fil-qasam lingwistiku.	P3	Pagament lill-Kummissjoni Ewropea tas-sehem tal-Parlament fil-finanzjament tal-għodda ġdid CAT (Computer-Assisted Translation).	34 000
Total trasferimenti minn approprjazzjonijiet kurrenti				9 798 500

II. IL-ĠESTJONI FINANZJARJA SKONT IL-KAPITOLU

23. Din it-taqsimha tippreżenta l-użu tal-appropriazzjonijiet skont il-kapitolu baġitarju, il-volum tagħhom fil-baġit u l-bidliet fl-użu tal-appropriazzjonijiet meta mqabbel mas-sena finanzjarja preċedenti. Erba' kapitoli jirappreżentaw huma biss 70 % tal-impenji kollha. Dawn huma l-kapitoli 1 0 "Membri tal-istituzzjoni", il-kapitolu 1 2 "Uffiċjali u persunal temporanju", il-kapitolu 2 0 "Bini u nefqiet relatati" u l-kapitolu 4 2 "Nefqa relatata mal-assistenza parlamentari".
24. It-tabella 10 tippreżenta, kapitolu b'kapitolu, l-iżvilupp tal-appropriazzjonijiet impenjati fl-2013 fir-rigward tas-sena finanzjarja 2012. Il-figuri 2 u 3 juru l-partijiet relatati u l-iżvilupp mill-2012 għall-2013.

Tabella 10


Żvilupp tal-impenji tal-appropriazzjonijiet mill-2013 għall-2012

(EUR)					
Kapitolu	Intestatura	2013	2012	Differenza	Varjazzjoni 2013/2012
1 0	Membri tal-Istituzzjoni	205 414 449	204 267 112	1 147 338	1 %
1 2	Uffiċjali u aġenti temporanji	574 999 348	560 700 762	14 298 586	3 %
1 4	Persunal ieħor u servizzi esterni	106 182 103	102 483 098	3 699 005	4 %
1 6	Infiq ieħor relatat mal-persuni li jaħdmu fl-istituzzjoni	17 829 236	16 699 823	1 129 413	7 %
Titolu: 1 – Persuni li jaħdmu mal-istituzzjoni		904 425 137	884 150 794	20 274 343	2 %
2 0	Bini u nefqiet relatati	250 336 611	248 864 928	1 471 683	1 %
2 1	Proċessar ta' data, tagħmir u għamara	131 805 904	142 804 433	-10 998 530	-8 %
2 3	In-nefqa amministrattiva kurrenti	9 548 021	9 476 760	71 261	1 %
Titolu: 2 – Bini, għamara, tagħmir u nefqiet varji għall-operat amministrattiv		391 690 535	401 146 121	-9 455 586	-2 %
3 0	Laqgħat u konferenzi	32 816 473	32 624 325	192 148	1 %
3 2	Opinjoni tal-esperti u informazzjoni: akkwistar, arkivjar, produzzjoni u tixrid	125 672 031	105 967 314	19 704 718	19 %
Titolu: 3 – In-nefqa ġenerali għall-operat amministrattiv tal-istituzzjoni		158 488 505	138 591 639	19 896 865	14 %
4 0	Nefqa relatata ma' ċerti istituzzjonijiet u ma' ċerti korpi	92 683 288	87 917 639	4 765 650	5 %
4 2	Nefqa relatata ma' assistenza parlamentari	188 301 020	180 871 822	7 429 198	4 %

(EUR)					
Kapitolu	Intestatura	2013	2012	Differenza	Varjazzjoni 2013/2012
4 4	Laqgħat u attivitajiet oħra tal-Membri parlamentari u tal-eks Membri	375 000	360 000	15 000	4 %
Titolu: Titolu 4 – Nefqa li tirriżulta minn funzjonijiet speċjali li jsiru mill-istituzzjoni		281 359 309	269 149 461	12 209 848	5 %
Titolu: 10 – Spejjeż oħra		0	0	0	—
Total		1 735 963 486	1 693 038 015	42 925 471	3 %

Figura 2


Tqassim tal-impenji tal-2013 skont il-kapitolu



(*) Oħrajn (1 6, 2 3, 3 0, 4 0)

Figura 3.

Bidliet tal-appropriazzjonijiet impenjati bejn l-2012 u l-2013 skont il-Kapitolu



A. Kapitolu 1 0 “Membri tal-istituzzjoni”

25. L-ispejjeż diretti relatati mal-Membri rrappreżentaw EUR 205 414 449 fl-2013, jiġifieri 12 % tat-total tal-impenji tas-sena finanzjarja. L-ispejjeż żdiedu b'EUR 1,1 miljuni, jiġifieri żieda ta' 0,6 % meta mqabbla mal-2012. Il-kapitolu huwa magħmul minn ħames nefqiet prinċipali: Il-Partiti 1 0 0 0 “Allowances” u 1 0 0 6 “Allowances għal nefqiet ġenerali” jirrappreżentaw 34 % u 19 % tal-impenji rispettivament, il-Partiti “Spejjeż għall-vjaġġi regolari” u 1 0 0 5 “Spejjeż oħra għall-ivvjaġġar” jirrappreżentaw 35 % u 3 %, u l-Partita 1 0 3 0 “Pensjonijiet tal-irtirar” tirrappreżenta 6 %.
26. L-impenji tal-Partiti 1 0 0 0 “Allowances” u 1 0 0 6 “Allowances għall-ispejjeż ġenerali” (maħsuba biex ikopru l-ispejjeż li jirriżultaw minn attivitajiet parlamentari tal-Membri) jammontaw għal EUR 108 633 749 u jirrappreżentaw 53 % tat-total tal-impenji tal-kapitolu. Huma żdiedu b'0,5 % meta mqabbla mal-impenji tal-2012 wara l-adeżjoni tal-Kroazja u l-wasla ta' tnaix-il Membru Kroat ⁽¹⁾. L-allowance ta' kull xahar (salarju gross) tammonta għal EUR 7 957 għal kull Membru, u l-allowance għall-ispejjeż ġenerali tammonta għal EUR 4 299, ammonti li ma nbidlux meta mqabbla mal-2012.
27. L-impenji tal-Partiti 1 0 0 4 “Spejjeż għall-vjaġġi regolari” u 1 0 0 5 “Spejjeż oħra għall-ivvjaġġar” jammontaw għal EUR 78 497 779, jiġifieri 38 % tat-total tal-impenji tal-Kapitolu 1 0. Dawn naqqsu b'0,4 % meta mqabbla mal-impenji tal-2012. Il-livell tal-impenji għandu madankollu jitqies b'riserva għaliex hu ma jirrappreżentax b'mod definittiv il-livell tal-infiq annwali reali tal-ispejjeż tal-ivvjaġġar u ta' soġġorn tal-Membri ⁽²⁾. Madankollu, miżuri ta' tnaqqis strutturali meħuda mill-Bureau fil-qasam tal-ispejjeż tal-ivvjaġġar għenu jnaqqsu l-livell tal-impenji, u dan minkejja l-integrazzjoni tal-Membri Kroati ġodda ⁽³⁾ kif ukoll l-inflazzjoni tal-ispejjeż relatati mat-trasport.
28. Fl-2013, il-Membri ⁽⁴⁾ għamlu total ta' 29 142 ⁽⁵⁾ vjaġġ ⁽⁶⁾. Il-maġġoranza tal-vjaġġi saru fi Brussell (18 280) u fi Strasburgu (8 407). Laqgħat f'postijiet oħra fl-Unjoni Ewropea rrappreżentaw 1 514 vjaġġ u laqgħat barra mill-Unjoni Ewropea rrappreżentaw 941 vjaġġ.
29. L-impenji tal-Partita 1 0 3 0 “Pensjonijiet ta' rtirar” kienu stabbiliti għal EUR 11 941 558, jiġifieri 6 % tat-total tal-impenji tal-kapitolu. Dawn żdiedu bi 18 % meta mqabbla mal-2012 minħabba l-ħtieġa li jitħallsu l-arretrati u interessi fuq ħlas tard marbuta mal-pensjonijiet ta' rtirar mħallsa lill-ex Membri eletti fi Franza.

B. Kapitolu 1 2 “Uffiċjali u aġenti temporanji”

30. L-infiq relatat mal-uffiċjali u l-aġenti temporanji rrappreżentaw EUR 574 999 348 fl-2013, jiġifieri l-akbar kategorija ta' nfiq bi 33 % tat-total tal-impenji tas-sena finanzjarja 2013. Din iċ-ċifra żdiedet b'EUR 14,3 miljun, jiġifieri żieda ta' 3 % meta mqabbla mas-sena finanzjarja preċedenti. Id-dinamika tal-kapitolu tirrużulta essenzjalment minn dik tal-Partita 1 2 0 0 “Rimunerazzjonijiet u allowances”, li tirrappreżenta 99 % tal-approprijazzjonijiet.
31. L-ammont tal-impenji mwettqa fin-nefqa 1200 “Rimunerazzjonijiet u allowances” huwa ta' EUR 570 669 888 u żdied bi 3 % (EUR 15 294 817) meta mqabbel mal-2012. Din iċ-ċaqliqa tirrifletti r-rata tal-postijiet vakanti u tintegra l-progressjoni tal-karrieri. Il-Partita 1200 hija kkaratterizzata minn eċċess fl-2013 u kkostitwixxiet is-sors ewlieni għat-trasferiment ta' tlaqqit ⁽⁷⁾ (EUR 6 300 000). Dan l-eċċess jista' essenzjalment jiġi spjegata mill-fatt li, meta kien qed jinħadem il-baġit tal-2013, ġie kkalkolat l-adattament annwali tas-salarji għall-2011 u 2012 li fl-aħħar mill-aħħar s'issa għadu ma seħħx. Fis-sentenza tagħha tad-19 ta' Novembru 2013, il-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea ddeċidiet li l-Kunsill tal-Unjoni Ewropea għandu d-dritt li jirrifjuta l-proposta tal-Kummissjoni, ibbażata fuq il-“metodu ta' aġġustament” maħsub biex iżid is-salarji tal-uffiċjali Ewropej b'1,7 % fl-2011 ⁽⁸⁾.

⁽¹⁾ NB: 12-il Membru minn Lulju 2013.

⁽²⁾ Il-vjaġġi li jikkonċernaw is-sena finanzjarja 2013 jistgħu jiġu ddikjarati sal-31 ta' Ottubru 2014.

⁽³⁾ NB: 12-il Membru minn Lulju 2013.

⁽⁴⁾ NB: 766 Membru minn Lulju 2013 (754 fl-2012).

⁽⁵⁾ NB: Fuq bażi tat-talbiet għal rimborż magħmula mill-Membri sas-7 ta' Frar 2014.


⁽⁶⁾ NB: Vjaġġ huwa marbut mal-parteċipazzjoni tal-Membru f'post wieħed ta' laqgħa.

⁽⁷⁾ Barra approprijazzjonijiet proviżorji.

⁽⁸⁾ Il-Parlament Ewropew u l-Kunsill laħqu ftehim waqt laqgħa ta' konċiljazzjoni fil-bidu ta' Marzu 2014 sabiex jistabbilixxu l-aġustament annwali tas-salarji tal-2011 għal 0 % u dak tal-2012 għal 0,8 %.

32. Fl-2013, 463 uffiċjal u aġent temporanju ġew rekrutati mas-Segretarjat Ġenerali, 75 aġent temporanju ġew rekrutati mal-gruppi politiċi u 337 persuna ġew rekrutati bħala assistenti parlamentari akkreditati. B'kolloxx, sal-31 ta' Diċembru 2013 kien hemm 6 105 uffiċjal u aġent temporanju jaħdmu mal-Parlament Ewropew (li minnhom 5 308 persuna mas-Segretarjat Ġenerali u 797 mal-gruppi politiċi), kif ukoll 1 763 assistent parlamentari akkreditat.
33. Fir-rigward tad-tqassim skont il-ġeneru, sal-31 ta' Diċembru 2013, in-nisa kienu jirrappreżentaw 29 % tal-kapijiet ta' unità, 34 % tad-diretturi u 33 % tad-diretturi ġenerali. Il-figura ta' hawn taħt tippreżenta t-tqassim tal-persunal skont il-grupp ta' funzjonijiet u skont il-ġeneru.

Figura 4

Tqassim tal-persunal tas-Segretarjat Ġenerali skont il-ġeneru

Sors: DG PERS

C. Kapitolu 1 4 “Persunal ieħor u servizzi esterni”


34. L-infiq rigward Persunal ieħor u servizzi esterni rrapreżenta EUR 106 182 103 fl-2013, jiġifieri 6 % tal-impenji. Il-kapitolu jinkludi tliet Partiti ta' spejjeż ewlenin: Il-Partita 1 4 0 2 “interpreti għall-konferenzi” tirrappreżenta 47 % tal-impenji, il-Partita 1 4 0 0 “Aġenti oħra” ⁽¹⁾ tirrappreżenta 35 % u l-Partita 1 4 2 0 “Servizzi esterni” ⁽²⁾ tirrappreżenta 11 %.
35. L-impenji tal-kapitolu żdiedu b'madwar EUR 3,7 miljuni meta mqabbla mal-2012, jiġifieri żieda ta' 4 %. Din il-bidla tiġi spjegata prinċipalment miż-żieda tan-numru ta' jiem ta' interpretazzjoni mill-interpreti għall-konferenzi awżiljarji u r-reklutaġġ tal-persunal kuntrattwali fil-qafas tal-internalizzazzjoni tas-sigurtà, filwaqt li fil-qasam tat-traduzzjoni esterna diversi miżuri ppermettu t-tnaqqis tal-ispejjeż.
36. Għall-Partita 1 4 0 2 “Interpreti għall-konferenzi”, l-impenji ammontaw għal EUR 49 599 377 biex ikopru l-onorarij, il-kontribuzzjonijiet soċjali, l-ispejjeż tal-ivvjaġġar u l-allowances għas-soġġorn tal-interpreti għall-konferenzi awżiljarji impjegati mill-Parlament biex jiżgura l-interpretazzjoni waqt il-laqgħat organizzati mill-Parlament. Il-livell tal-impenji żdied b'EUR 3 599 377 meta mqabbla mal-2012, jiġifieri żieda ta' 8 %. Din il-bidla tirriżulta essenzjalment miż-żieda tan-numru ta' jiem ta' interpretazzjoni mill-interpreti għall-konferenzi awżiljarji (2013: 53 244 jum, 2012: 49 615 jum).

⁽¹⁾ Din il-Partita tikkonċerna prinċipalment l-aġenti kuntrattwali.⁽²⁾ Din il-Partita tikkonċerna prinċipalment is-servizzi esterni ta' traduzzjoni.

37. L-interpreti tal-Parlament u l-interpreti għall-konferenzi awżiljarji ħadmu 103 550 jum ta' interpretazzjoni fl-2013 (2012: 102 471 jum), għall-Parlament u istituzzjonijiet oħra ⁽¹⁾ meta l-Parlament kellu jiggarrantixxi din l-interpretazzjoni L-interpreti tal-Parlament ħadmu 50 206 jum (5 % inqas milli fl-2012), filwaqt li l-interpreti tal-konferenzi awżiljarji ħadmu 53 244 jum (żieda ta' 7 % meta mqabbel mal-2012).
38. L-impenji tal-Partita 1 4 2 0 "Servizzi esterni" ammontaw għal EUR 11 904 661, tnaqqis ta' EUR 2 682 972 meta mqabbla mal-2012, jiġifieri tnaqqis ta' 18 %. Din il-varjazzjoni ġejja minn diversi miżuri ta' tnaqqis tal-ispejjeż. Id-deċiżjoni li r-rapporti verbatim (CRE) jiġu prodotti biss f'dokument multilingwu, mingħajr traduzzjoni awtomatika, ippermettiet tnaqqis tal-impenji għas-servizzi esterni ta' EUR 970 000. Barra minn hekk, l-emendi li għandhom jiġu tradotti mit-tradutturi esterni tnaqqsu bi 140 000 paġna, minħabba li t-tul medju ta' dokument emendat ta' 28 paġna standard fl-2012 inbidel għal 21,5 paġna standard fl-2013. Il-persentaġġ ta' paġni tradotti minn tradutturi esterni naqas minn 30,1 % fl-2012 għal 28,3 % fl-2013.
39. Fir-rigward tal-Partita 1 4 0 0 "Aġenti oħra", l-impenji ammontaw għal EUR 37 296 239, b'żieda ta' 7 % meta mqabbla mal-2012. Din il-Partita sserve biex tkopri r-rimunerazzjoni, l-allokkazzjonijiet u l-allowances tal-aġenti l-oħra, speċjalment l-aġenti kuntrattwali, lokali u konsulenti speċjali, il-kontribuzzjonijiet varji ta' min iħaddem għal skemi tas-sigurta' soċjali u l-impatt tad-differenzi fis-salarji applikabbli għar-rimunerazzjoni ta' dan il-persunal kif ukoll it-tħaddim tal-persunal temporanju tal-aġenziji. Din il-progressjoni tiġi spjegata prinċipalment mir-reklutaġġ tal-persunal kuntrattwali fil-qafas tal-internalizzazzjoni tas-sigurta'. F'dak li jikkonċerna l-persunal kuntrattwali sal-31 ta' Diċembru 2013, kienu impjegati 691 persuna. It-tqassim tal-persunal kuntrattwali skont il-grupp ta' funzjoni ⁽²⁾ qed jiġi preżentat fil-Figura 5.

Figura 5

Persunal kuntrattwali skont il-grupp ta' funzjoni u skont il-ġeneru fl-2013



Sors: DĠ Persunal

D. Kapitolu 1 6 "Infiq ieħor relatat mal-persuni li jaħdmu fl-istituzzjoni"

40. L-infiq tal-Kapitolu 1 6 ammonta għal EUR 17 829 236, jiġifieri 1 % tat-total tal-impenji tas-sena finanzjarja 2013. Dawn żdiedu b'EUR 1 129 413 miljun, jiġifieri żieda ta' 7 % meta mqabbla mal-2012.

⁽¹⁾ Qorti tal-Awdituri, Ombudsman, Ċentru tat-Traduzzjoni, laqgħat tal-Kummissjoni fil-Lussemburgu u, parzjalment għall-Kumitat tar-Reġjuni.

⁽²⁾ Il-grupp ta' funzjonijiet I jikkorrispondi għal kompiti manwali u ta' appoġġ amministrattivi, il-grupp ta' funzjonijiet II jikkorrispondi għall-kompiti tal-uffiċċju, tmexxija tal-uffiċċju u kompiti oħra ekwivalenti, il-grupp ta' funzjonijiet III jikkorrispondi għall-kompiti eżekuttivi, abbozzar, kontabilità u kompiti oħra tekniki ekwivalenti, u l-grupp ta' funzjonijiet IV jikkorrispondi għall-kompiti amministrattivi, ta' konsulenza, lingwistiċi u kompiti tekniċi ekwivalenti.


41. Fi ħdan dan il-kapitolu, 33 % tal-impenji kellhom x'jaqsmu mal-Partita 1 6 5 4 "Ċentri għat-Tfal żgħar u skejjel materni approvati", 26 % mal-Partita 1 6 1 2 "Taħriġ ulterjuri" u 24 % mal-Partita 1 6 5 2 "Nefqa kurrenti għall-operat amministrattiv tar-ristoranti u l-kantins".
42. Il-ġestjoni esterna tal-iskejjel materni u l-kamra għall-familji tal-istituzzjoni fi Brussell u spejjeż annessi tikkostitwixxi l-ikbar parti tal-Partita 1 6 5 4. L-appropriazzjonijiet impenjati fuq il-Partita kollha kemm hi żdiedu għal EUR 5 843 000 u baqgħu stabbli meta mqabbla mal-2012, u koprew il-kontribuzzjoni tal-Parlament għall-ispejjeż kollha taċ-ċentru għat-tfal żgħar u skejjel materni esterni li magħhom ġie konkluż fehim ⁽¹⁾.
43. Fir-rigward tal-Partita 1 6 1 2 "Taħriġ ulterjuri", l-appropriazzjonijiet impenjati ammontaw għal EUR 4 682 180, żieda ta' 12 % meta mqabbla mal-2012, u koprew l-infiq marbut mal-korsijiet maħsuba biex iżidu l-kompetenzi tal-persunal kif ukoll il-prestazzjonijiet u l-effikaċja tal-istituzzjoni. Fl-2013, 4 766 persuna (2012: 5 089) segwew korsijiet tal-lingwa, 5 775 ⁽²⁾ persuna (2012: 1 538) ipparteċipw f'taħriġ fl-informatika u 900 persuna (2012: 1 126 persuna f'taħriġ fil-qasam finanzjarju. Madwar 7 709 persuna (2012: 6 963) ipparteċipw f'taħriġ ġenerali mwettaq internament u 343 (2012: 320) f'taħriġ estern.
44. Fir-rigward tal-Partita 1 6 5 2 "Nefqiet kurrenti għall-operat amministrattiv tar-ristoranti u l-kantins", l-impenji ammontaw għal EUR 4 260 000, żieda ta' 8 % meta mqabbla mal-2012. Il-Bureau, fil-laqgħa tiegħu tal-10 ta' Ġunju 2012, adotta nota mingħand is-Segretarju Ġenerali dwar il-"politika futura għall-forniment tal-ikel tal-Parlament għall-2014-2019 – Linji gwida għall-modernizzazzjoni" u pprova wkoll linji gwida strateġiċi għall-iżvilupp futur ta' dan is-settur. L-ewwel effetti tal-implimentazzjoni tar-riforma strutturali akkumpanjata minn reviżjoni tal-prezzijiet (li ilhom ma jinbidlu 12-il sena) mwettqa fil-bidu tal-2013 fir-ristoranti, self service, kafeteriji u barijiet tal-Parlament, ippermettu stabilizzazzjoni ġenerali tas-sitwazzjoni baġitarja għall-Partita 1652 (ara l-paragrafu 130). Iż-żieda fir-rigward tal-2012 kienet minħabba l-organizzazzjoni tal-avveniment EYE (Avveniment Ewropew taż-Żgħażaġħ fl-2014) deċiż mill-Bureau fl-1 ta' Lulju 2013 (ara l-paragrafu 106), u li għalih twettaq trasferiment tal-appropriazzjonijiet ta' EUR 300 000 (trasferiment P6, ara t-tabella 9).

E. Kapitolu 2 0 "Bini u nefqiet relatati"

45. L-impenji tal-Kapitolu 2 0 ammontaw għal EUR 250 336 611, jiġifieri 14 % tal-impenji tal- 2013. Il-volum tal-impenji żdied b'EUR 1 471 683, jiġifieri żieda ta' 1 % meta mqabbel mal-volum taqgħom tal-2012. L-appropriazzjonijiet tal-kapitolu żdiedu b'EUR 41 miljun matul is-sena finanzjarja (19 % tal-ammont tal-appropriazzjonijiet inizjali), minħabba t-trasferiment ta' tlaqqit (ara t-tabella 8b).
46. It-tqassim tal-appropriazzjonijiet tal-Kapitolu 2 0 skont it-tip ta' spejjeż qed tiġi ppreżentata fil-figura ta' hawn taħt.

Figura 6

Tqassim tal-impenji tal-Kapitolu 2 0 skont il-Partita



(*) Oħrajn (2 0 0 5, 2 0 0 8, 2 0 2 4, 2 0 2 8)

⁽¹⁾ NB: Id-dħul assenjat għal din il-Partita, mill-kontribuzzjonijiet tal-ġenituri, ammonta għal EUR 4 420 294.

⁽²⁾ Iż-żieda hija marbuta mal-migrazzjoni għal Windows 7 u MS Office 2010.

47. L-appropriazzjonijiet għall-Partita 2 0 2 2 “Manutenzjoni, żamma, operat u tindif tal-bini” ammontaw għal EUR 51 891 984 (21 % tal-kapitolu). Din il-Partita kopriet l-ispejża tal-manutenzjoni tal-bini, tal-liftijiet, tas-sistemi ta’ tisħin u ta’ klimatizzazzjoni u tal-bibien kontra n-nirien, kif ukoll ix-xogħol ta’ tibjid u ta’ tiswija, eċċ. L-impenji żdiedu bi 11 % meta mqabbla ma’ dawk tal-2012 (+ EUR 3 253 340). Din l-evoluzzjoni rriżultat essenzjalment mill-konklużjoni progressiva tal-kuntratti li jiżguraw l-implimentazzjoni tal-politika ġdida ta’ manutenzjoni (b’segwitu tar-rapport Baloche stabbilit fit-22 ta’ Diċembru 2008) li għandu l-għan joffri servizzi ta’ manutenzjoni msaħħa fir-rigward tar-responsabilitajiet tal-Parlament Ewropew bħala proprjetarju. Madankollu, l-allokkazzjoni għall-Partita tnaqqset b’EUR 3,9 miljuni matul is-sena finanzjarja (7 % tal-appropriazzjonijiet inizjali) minħabba n-nuqqas ta’ sostituzzjoni ta’ ċertu tagħmir, il-posponiment tal-proċeduri tal-akkwist pubbliku u l-użu ta’ dħul assenjat.
48. L-impenji għall-Partita 2 0 0 1 “Pagamenti ta’ ċnus” (28 % tal-kapitolu) jammontaw għal EUR 69 236 000, jiġifieri darbtejn aktar mil-livell tal-2012. L-allokkazzjoni tal-Partita ssaħħet b’EUR 53 100 000 matul is-sena finanzjarja, żieda ta’ 329 % meta mqabbla mal-appropriazzjonijiet inizjali, essenzjalment minħabba t-trasferiment ta’ tlaqqit (ara t-tabella 8a u 8b). L-ammont kollu ġie mpenjata għall-proġett ta’ estenzjoni tal-bini KAD fil-Lussemburgu.
49. L-impenji għall-Partita 2 0 0 5 “Kostruzzjoni ta’ bini” ammontaw għal EUR 8 065 316 (3 % tal-kapitolu) u koprew l-ispejż u x-xogħlijiet relatati mal-proġett KAD bl-eċċezzjoni tax-xogħlijiet iffinanzjati taħt il-lokkazzjoni (li huma koperti mill-appropriazzjonijiet tal-Partita 2 0 0 1). Iż-żieda tal-impenji ta’ 76 % meta mqabbla mal-2012 (+EUR 3 481 701) tqis it-tisħiħ tal-mezzi ta’ kontroll (koordinatur mexxej, kontrollur tal-ispejż) mitlub mill-Bureau.
50. Fir-rigward tal-Partita 2 0 0 7 “Sistemazzjoni fil-bini” (15 % tal-kapitolu), l-impenji ammontaw għal EUR 36 326 338, żieda ta’ 4 % meta mqabbla mal-2012. Fl-2013, ġie impenjat u mwettaq numru kbir ta’ xogħlijiet fil-bini u proġetti ta’ siti ta’ Brussell. L-ikbar xogħlijiet jikkonċernaw il-proġett tad-Dar l-Istorja Ewropea li għaliha ġie impenjat ammont ta’ EUR 12 448 650 fl-2013, kif ukoll ix-xogħlijiet marbuta mal-emiċiklu tal-bini PHS fi Brussell (xogħlijiet ta’ rinovazzjoni tal-istruttura) li għalihom ġie impenjat ammont totali ta’ EUR 2 079 600 fl-2013 (fil-kuntratt huwa previst ammont addizzjonali ta’ 15 % għal modifiki u imprevisiti). Diversi xogħlijiet u proġetti saru wkoll fil-bini okkupat. Din il-Partita baġitarja hija maħsuba biex tmexxi proġetti ta’ sistemazzjoni speċifiċi u individwali li ma jinvolvux xogħol rikorrenti. Paragun tal-iżvilupp tal-appropriazzjonijiet ta’ sena finanzjarja ma’ oħra huwa għalhekk f’it rilevanti.
51. L-impenji għall-Partita 2 0 2 6 “Sigurtà u sorveljanza tal-bini” (12 % tal-Kapitolu) ammontaw għal total ta’ EUR 31 097 983, tnaqqis ta’ 11 % meta mqabbla ma’ dawk tal-2012. Dawn koprew prinċipalment l-ispejż tal-għassa u tas-sorveljanza tal-bini okkupat mill-Parlament fit-tliet postijiet regolari ta’ xogħol u fl-uffiċċji tal-informazzjoni. It-tnaqqis jikkorrispondi essenzjalment għat-tfaddil li sar fil-qafas tal-internalizzazzjoni.


F. Kapitolu 2 1 “Proċessar ta’ data, tagħmir u għamara”

52. L-impenji tal-Kapitolu ammontaw għal EUR 131,805,904, jiġifieri 8 % tal-impenji tal-2013. Ġew impenjati madwar EUR 10 998 530 inqas mill-2012, jiġifieri tnaqqis ta’ 8 %. L-appropriazzjonijiet tal-kapitolu matul is-sena finanzjarja żdiedu b’EUR 3 878 200, jiġifieri 3 % tal-appropriazzjonijiet inizjali. (Il-kanċellazzjonijiet tal-appropriazzjonijiet jirrappreżentaw biss 1,2 % tal-ammont tal-appropriazzjonijiet finali, jiġifieri bilanċ tekniku).
53. Il-Partiti 2 1 0 0 “Tagħmir u softwer” u 2 1 0 2 “Servizzi esterni għat-teknoloġiji tal-informazzjoni u tal-innovazzjoni” jirrappreżentaw it-tnejn waħedhom 79 % tal-impenji tal-kapitolu.

54. It-tqassim tal-infiq tal-Kapitolu 21 huwa ppreżentat fil-figura ta' hawn taħt.

Figura 7

Tqassim tal-ispejjeż tal-Kapitolu 21



55. L-impenji tal-Partita 2 1 0 0 “Tagħmir u softwer” jirrappreżentaw 23 % tal-Kapitolu 2 1 b’ammont ta’ EUR 30 792 197, bi tnaqqis ta’ 31 % meta mqabbla mal-2012. Din il-Partita tkopri l-infiq marbut max-xiri, il-kiri, il-manutenzjoni u l-manutenzjoni ta’ materjal u ta’ softwer għall-istituzzjoni u x-xogħlijiet relatati. Dan il-materjal u s-sofwer jikkonċernaw b’mod partikulari s-sistemi taċ-ċentru tal-informatika u tat-telekomunikazzjoni, l-informatika fil-livell tad-dipartimenti u tal-gruppi politiċi, kif ukoll il-votazzjoni elettronika. Ir-raġuni prinċipali għal dan it-tnaqqis huwa l-fatt li l-livell ta’ impenji fl-2012 għal din il-Partita żdied b’mod eċċezzjonali: żewġ trasferimenti C ġew adottati u b’hekk ippermettew iż-żieda tal-appropriazzjonijiet ta’ din il-Partita b’aktar minn EUR 11 fl-aħħar tas-sena 2012 sabiex jiffinanzjaw il-WI-FI fil-bini tal-Parlament u t-tiġdid ta’ parti kbira tal-infrastruttura tan-netwerk.
56. L-impenji tal-Partita 2 1 0 0 “Assistenza esterni għat-teknoloġija tal-informazzjoni u tal-innovazzjoni” jirrappreżentaw 55 % tal-Kapitolu 21 b’ammont ta’ EUR 72 984 023, żieda ta’ 4 % meta mqabbla mal-2012. Din iż-żieda tirriżulta minn diversi proġetti addizzjonali li jeħtieġu servizzi esterni. Barra minn hekk, kien hemm ukoll dewmien fil-livell tal-internalizzazzjoni ta’ ċerti kompiti, minħabba li kien hemm diffikultajiet biex jiġi rekrutat persunal kwalifikat għax dawn il-kariġi ġodda permanenti. Barra minn hekk, l-appropriazzjonijiet żdiedu b’EUR 5 586 300 matul is-sena finanzjarja (8 % tal-appropriazzjonijiet inizjali). Dawn l-appropriazzjonijiet koprew prinċipalment l-ispejjeż għall-assistenza minn fornituri ta’ servizzi u ta’ konsulenza rigward l-informatika, għat-tħaddim ta’ ċentru tal-informatika u tan-netwerk, il-produzzjoni u l-manutenzjoni tal-applikazzjonijiet, l-assistenza għall-utenti, inklużi Membri Parlamentari u l-gruppi politiċi, għat-twettiq ta’ studji, u għat-tfassil u l-input ta’ dokumentazzjoni teknika.

G. Kapitolu 2 3 “In-nefqa amministrattiva u kurrenti”

57. Fl-2013, dan il-kapitolu rrappreżenta 1 % tal-impenji b’ammont totali ta’ EUR 9 548 021. Il-livell ta’ impenji żdied b’1 % meta mqabbel mal-2012.
58. It-tqassim tal-impenji ta’ dan il-kapitolu huwa kif ġej: 49 % jikkorrispondi għall-Artikolu 235 “Telekomunikazzjonijiet”, 24 % għall-Artikolu 230 “Kancellarja, provvisti għall-uffiċċju u oġġetti għall-konsum diversi” u 15 % għall-Artikolu 2 3 2 “Spejjeż legali u ħsarat”. Is-17 % li jifdal huma mqasma bejn l-Artikolu 2 3 1 “Tariffi finanzjarji”, l-Artikolu 2 3 6 “Servizzi postali u ta’ ġarr”, l-Artikolu 2 3 7 “Rilokazzjonijiet” u l-Artikolu 2 3 8 “Nefqiet amministrattivi oħra” u l-Artikolu 2 3 9 “Skema tal-Parlament Ewropew ta’ kumpens għall-emissjonijiet tal-karbonju”.

59. Bl-eċċezzjoni tal-Partiti 2 3 8 0 “Nefqiet amministrattivi oħra” u 2 3 0 0 “Kancellarija, provvisti għall-uffiċċju u oġġetti għall-konsum diversi”, il-Partiti kollha tal-Kapitolu kienu Partiti li pprovdew finanzjament għat-trasferimenti C8 u C12 (ara t-Tabella 8.a u 8.b). L-effett ta’ dawn it-trasferimenti kien tnaqqis ta’ 24 % tal-appropriazzjonijiet inizjali tal-Kapitolu, li xhed l-isforzi biex jiġu kkontrollati l-ispejjeż kurrenti tal-funzjonament amministrattiv.
60. L-appropriazzjonijiet tal-Artikolu 2 3 9 “Skema tal-Parlament Ewropew ta’ kumpens għall-emissjonijiet tal-karbonju”, li inizjalment kienu ta’ EUR 1 064 000, tnaqqsu b’98 % meta sar it-trasferiment ta’ tlaqqit minħabba tnaqqis sinifikanti tal-prezz għal kull tunnellata ta’ CO₂.

H. Kapitolu 3 0 “Laqgħat u Konferenzi”


61. Fl-2013, dan il-Kapitolu rrappreżenta 2 % tal-impenji b’ammont totali ta’ EUR 32 816 473, u żieda ta’ 1 % meta mqabbel mal-2012. It-tqassim tal-impenji ta’ dan il-kapitolu huwa kif ġej: 78 % jikkorrispondu għall-Artikolu 3 0 0 “Nefqiet għall-missjonijiet tal-istaff u vjaġġar fuq xogħol bejn it-tliet postijiet tax-xogħol”, 19 % għall-Artikolu 3 0 4 “Nefqiet varji għal laqgħat” u 3 % għall-Artikolu 3 0 2 “Spejjeż għad-divertiment u għar-rrappreżentanza”.
62. Fl-2013, kien hemm 32 736 missjoni (2012: 33 616 missjoni), u dawn irrappreżentaw total ta’ 97 161 jum ta’ missjoni (2012: 99 377 jum). Il-missjonijiet huma fil-biċċa l-kbira maqsumin bejn it-tliet postijiet ta’ xogħol tal-Parlament (Brussell: 4 094 missjoni, Strasburgu: 19 427 missjoni, u l-Lussemburgu: 1 886 missjoni).

I. Kapitolu 3 2 “L-opinjoni tal-esperti u informazzjoni: akkwistar, arkivjar, produzzjoni u tixrid”

63. Fl-2013, l-impenji ta’ dan il-Kapitolu rrappreżentaw 7 % tal-infiq, b’ammont ta’ EUR 125 672 031, żieda ta’ 19 % meta mqabbla mal-2012. Madwar 25 % tal-impenji tal-Kapitolu ntużaw għall-Partita 3 2 4 4 “L-Organizzazzjoni u l-ospitalità ta’ gruppi ta’ viżitaturi, il-programm Euroscola u stedinet għall-multiplikaturi tal-opinjoni minn pajjiżi terzi”, 20 % għall-Partita 3 2 4 2 “Nefqiet għall-pubblikazzjoni, it-tagħrif u l-parteċipazzjoni f’manifestazzjonijiet pubbliċi”, 16 % għall-Partita 3 2 4 8 “In-nefqa għall-informazzjoni awdjoviżiva” u 10 % għall-Partita 3 2 2 0 “Nefqa għad-dokumentazzjoni u għal-librerija”.
64. It-tqassim tal-impenji qed jiġi ppreżentat fil-figura ta’ hawn taħt.

Figura 8

Tqassim tal-ispejjeż tal-Kapitolu 3 2



(*) Oħrajn (3 2 2 0, 3 2 2 2, 3 2 3, 3 2 4 0, 3 2 4 1, 3 2 4 3, 3 2 4 7, 3 2 4 9, 3 2 5)

65. Fil-konfront tal-Partita 3 2 4 4 “L-organizzazzjoni u l-ospitalità ta’ gruppi ta’ viżitaturi, il-programm Euroscola u stedinet għall-multiplikaturi tal-opinjoni minn pajjiżi terzi”, l-impenji ammontaw għal EUR 31 667 743, żieda meta mqabbla ma’ dawk tal-2012 (+13 %). Dawn koprew is-sussidji mogħtija għall-gruppi ta’ viżitaturi u l-ispejjeż ta’ superviżjoni u ta’ infrastruttura relatati, l-ispejjeż għall-ġestjoni tal-programm “Euroscola” u l-finanzjament tal-perjodi ta’ Prattika għall-multiplikaturi ta’ opinjoni minn pajjiżi terzi. Iż-żieda hija marbuta, fost l-oħrajn, mal-espożizzjoni l-ġdida EU-Phoria fil-Mużew Schirmeck b’kooperazzjoni mar-reġjun ta’ Alsace u l-Mémorial Alsace- Moselle, kif ukoll mal-organizzazzjoni tal-avveniment EYE (Avveniment Ewropew taż-Żgħażaġħ fl-2014) u maż-żieda tan-numru ta’ gruppi ta’ viżitaturi u parteċipanti fil-programm Euroscola.
66. Fil-konfront tal-Partita 3 2 4 2 “Nefqiet għall-pubblikazzjoni, it-tagħrif u l-parteċipazzjoni f’manifestazzjonijiet pubbliċi”, l-impenji laħqu l-EUR 22 124 435. B’mod partikolari, dawn koprew l-ispejjeż fil-qasam tal-pubblikazzjonijiet, speċifikament dawk elettroniċi, ta’ attivitajiet ta’ informazzjoni, ta’ relazzjonijiet pubbliċi u ta’ parteċipazzjoni f’avvenimenti pubbliċi, f’fieri u wirjiet fl-Istati Membri u l-pajjiżi kandidati, kif ukoll l-ispejjeż relatati mal-aġġornament tal-Osservatorju Leġiżlattiv (OEIL). L-impenji żdiedu b’ 15 % meta mqabbla ma’ dawk tal-2012. Din l-evoluzzjoni hija marbuta mal-attivitajiet ta’ informazzjoni maħsuba għat-tħejija tal-elezzjonijiet tal-2014.
67. L-impenji għall-Partita 3 2 4 8 “In-nefqa għall-informazzjoni awdjoviżiva” ammontaw għal EUR 20 533 306 u koprew l-ispejjeż marbuta mal-elementi li ġejjin:
- il-baġit biex jopera s-settur awdjoviżiv (servizzi b’direzzjoni proprja u assistenza esterna bħal servizzi tekniċi għall-istazzjonijiet tar-radju u tat-televiżjoni, realizzazzjoni, produzzjoni, koproduzzjoni u xandir ta’ programmi awdjoviżivi, kiri ta’ frekwenzi, trażmissjoni ta’ programmi televiżivi u radjofoniċi, azzjonijiet oħra ta’ żvilupp tar-relazzjonijiet tal-istituzzjoni mal-entitajiet tax-xandir awdjoviżiv),
 - l-ispejjeż marbuta max-xandir dirett, fuq l-internet, tas-seduti plenarji u tal-laqgħat tal-kumitati parlamentari,
 - il-ħolqien ta’ arkivji xierqa li jggarantixxu l-aċċess permanenti liċ-ċittadini għal din l-informazzjoni.
- L-impenji żdiedu b’54 % meta mqabbla ma’ dawk tal-2012. Din l-evoluzzjoni hija marbuta mal-attivitajiet ta’ informazzjoni fis-settur awdjoviżiv dwar l-elezzjonijiet tal-2014.
68. Rigward il-produzzjoni tal-informazzjoni awdjoviżiva, 1 375 avveniment, li minnhom 1 134 laqgħat tal-kumitati, reġġu xxandru fuq l-internet. Fir-rigward ta’ “Europe by Satellite”, il-produzzjoni tinqasam kif ġej: 829 sekwenza tal-aħbarijiet tal-Parlament Ewropew li reġġu xxandru 27 563 darba minn 187 stazzjon, 79 filmat informattiv dwar suġġetti leġiżlattivi, 75,5 jum ta’ Plenarja, 527 xandira diretta, 321 tema ta’ aħbarijiet prodotti għall-Eurovision (biex jixxandru lill-membri tagħha) u 26 avveniment li reġġu xxandru minn Eurovision mill-Parlament Ewropew fi Brussell u fi Strasburgu.
69. Ikun xieraq ukoll li jiġi nnotat li l-impenji tal-Partita 3 2 4 3 “Parlamentarium – Iċ-Ċentru għall-Viżitaturi tal-Parlament Ewropew” (EUR 3 844 123) żdiedu b’11 % meta mqabbla ma’ dawk tas-sena finanzjarja preċedenti. Il-Parlamentarium jagħmel parti mill-aktar attrazzjonijiet li t-turisti jżuru fi Brussell u laqa’ 337 000 viżitatur fl-2013 (2012: 250 000 viżitaturi).

J. **Kapitolu 4 0 “Nefqa relatata ma’ ċerti istituzzjonijiet u ma’ ċerti korpi”**

70. Fl-2013, dan il-Kapitolu rrappreżenta 5 % tal-impenji b’ammont totali ta’ EUR 92 683 288, żieda ta’ 5 % meta mqabbla mal-2012.
71. L-Artikolu 4 0 0 “Nefqa amministrattiva kurrenti u nefqa marbuta mal-attivitajiet politiċi ta’ informazzjoni tal-gruppi politiċi u tal-Membri mhux affiljati” rrappreżenta 63 % mill-appropriazzjonijiet tal-Kapitolu 4 0 (2012: 65 %). L-impenji għal dan l-Artikolu ammontaw għal EUR 58 697 494. Dawn l-appropriazzjonijiet kienu maħsuba biex ikopru, għall-gruppi politiċi u l-Membri mhux affiljati:
- l-ispejjeż tas-segretarjat, amministrattivi u operattivi, u


— l-ispejjeż marbuta mal-attivitajiet politiċi u informattivi tagħhom fil-qafas tal-attivitajiet politiċi tal-UE.

Dawn l-impenji żdiedu bi 3 % meta mqabbla mal-2012 minħabba ħtiġijiet addizzjonali li rriżultaw minħabba l-adeżjoni tal-Kroazja.

72. L-Artikolu 4 0 2 “Kontribuzzjonijiet tal-Partiti politiċi Ewropej” irrappreżenta 23 % (2012: 21 %) tal-impenji tal-kapitolu 4 0, jiġifieri EUR 21 585 794 u żdied b’14 % meta mqabbla mal-2012. Din iż-żieda hija minħabba l-fatt li l-2013 kienet sena ta’ qabel l-elezzjoni.
73. L-Artikolu 4 0 3 “Finanzjament tal-Partiti politiċi Ewropej” b’ammont ta’ EUR 12 400 000 rrappreżenta 13 % (2012: 14 %) tal-impenji tal-kapitolu 4 0.

Figura 9

Tqassim tal-impenji tal-Kapitolu 4 0




K. Kapitolu 4 2 “Nefqa relatata mal-assistenza parlamentari”

74. Fl-2013, dan il-Kapitolu rrappreżenta 11 % tal-impenji b’ammont ta’ EUR 188 301 020, żieda ta’ 4 % meta mqabbla mal-2012.
75. L-appropriazzjonijiet allokatu żdiedu bi EUR 3,7 miljuni (2 % tal-appropriazzjonijiet inizjali) matul is-sena finanzjarja, sabiex ikopru n-nefquet li qed jiżdiedu marbuta mal-assistenti parlamentari akkreditati (+EUR 3,5 miljuni) kif ukoll differenzi ta’ skambju akbar milli kien previst (+EUR 0,2 miljuni).
76. Il-figura ta’ hawn taħt turi t-tqassim tal-impenji tal-kapitolu.

Figura 10

Tqassim tal-impenji tal-Kapitolu 4 2



77. L-impenji relatati mal-“assistenti lokali” jammontaw għal EUR 83 840 699, żieda ta' 4 % meta mqabbla mal-2012.
78. L-impenji relatati mal-“assistenti akkreditati – Statut” jammontaw għal EUR 103 797 680, żieda ta' 5 % meta mqabbla mal-2012. Dawn ikopru s-salarji, l-allokazzjonijiet u l-ispejjeż ta' missjoni ta' dawn l-aġenzi kif ukoll l-ispejjeż relatati mal-korsijiet ta' taħriġ professjonali estern. Il-livell medju ta' kull xahar tar-rimunerazzjonijiet imħallsa jammonta għal EUR 7,9 miljuni (medja ta' EUR 7,5 miljuni fl-2012).
79. Fil-31 ta' Diċembru 2013, kien hemm 1 785 assistent parlamentari akkreditat jaħdmu mal-Parlament u 4 860 assistent lokali kellhom kuntratt ta' xogħol mal-Membri (li minnhom 162 permezz tal-gruppi). Fuq medja, kull Membru impjega 2,33 assistent akkreditat u 6,34 assistent lokali ⁽¹⁾. In-numru ta' assistenti lokali impjegati minn kull Membru jvarja b'mod konsiderevoli, minn 0 sa 43 fl-2013. Filwaqt li 16-il Membru ma impjegawx assistenti lokali, 84 Membru rrekutaw aktar minn 10 impjegati fl-Istat Membru tagħhom matul is-sena 2013. Madwar 45 Membru ma impjegawx assistenti lokali matul is-sena 2013.
80. Il-pagamenti fl-2013 relatati mal-assistenti parlamentari lokali domiċiljati barra miż-żona tal-Euro twettqu permezz ta' livell ta' kambju stabbilit għas-sena kollha bejn l-Euro u l-muniti l-oħra (livell tax-xahar ta' Diċembru 2012).

L. **Kapitolu 4 4 “Laqgħat u attivitajiet oħra tal-Membri attwali u dawk preċedenti”**

81. Fl-2013, dan il-Kapitolu rrappreżenta 0,02 % tal-impenji b'ammont ta' EUR 375 000, żieda ta' 4 % meta mqabbla mal-2012.

M. **Titolu 10 “Infiq ieħor”**

82. Il-Kapitolu mdaħħla taħt din l-intestatura jinvolvu biss approprjazzjonijiet proviżorji li ma jistgħux jiġu impenjati ħlief wara trasferiment minn qabel għal Partita operattiva. Dawn it-trasferimenti (EUR 22 912 765) ġew eżaminati fit-Taqsima 1 ta' dan ir-rapport. L-approprjazzjonijiet inizjali ta' dan it-titolu żdiedu għal EUR 22 912 765 (2012: EUR 29 542 652), jiġifieri 1,3 % tal-baġit kollu tal-2013.

III. **OBJETTIVI TAL-2013 U RIŻULTATI**

83. Is-sena finanzjarja 2013 kienet ikkaratterizzata mis-segwitu tat-titjib strutturali impenjat sa mill-2011 sabiex l-istituzzjoni tkun mgħammra bil-mezzi kollha neċessarji sabiex taqdi bis-sħiħ ir-rwol tagħha fil-proċess leġiżlattiv u tkun tista' tagħmel użu sħiħ mill-kompetenzi miżjuda li taha t-Trattat ta' Lisbona.
84. L-istituzzjoni segwit ukoll it-twettiq tal-programmi pluriennali maħsuba biex jirrazzjonalizzaw u jimmodernizzaw is-setturi ewlenin tal-amministrazzjoni tagħha, speċjalment fil-qasam tas-sigurtà, u komplet bi żviluppi kbar fis-settur tal-politika tal-informazzjoni u komunikazzjoni b'kunsiderazzjoni tal-elezzjonijiet tal-2014.
85. L-aġġustamenti istituzzjonali marbuta mal-adeżjoni tal-Kroazja tlestew mingħajr diffikultajiet kbar.
86. L-oġġettivi segwiti u r-riżultati miskuba fl-2013, ippreżentati hawn taħt, jibbażaw fuq il-prijoritajiet u d-deċiżjonijiet meħuda mill-Bureau fl-2013, fuq l-orjentazzjonijiet adottati mill-Parlament fir-riżoluzzjonijiet baġitarji tiegħu u fuq l-oġġettivi u r-riżultati tal-programm amministrattiv ta' ħidma għall-perjodu 2012-2014.

A. **Tkomplija tal-aġġustamenti istituzzjonali marbuta mat-Trattat ta' Lisbona**

A.1. *Appoġġ għar-riċerka*

87. Studju komparattiva ma' erba' parlamenti nazzjonali u mal-Kunġress tal-Istati Uniti wera marġni sinifikanti għal titjib fl-istruttura tal-appoġġ lill-Parlament Ewropew, partikolarment rigward konsulenza xjentifika indipendenti. Abbażi tar-rakkomandazzjonijiet tal-Grupp ta' Ħidma Konġunt tal-Bureau u l-Kumitat għall-Baġits dwar il-baġit tal-Parlament, il-Bureau ddeċieda, fil-laqgħa tiegħu tal-20 ta' Mejju 2013, li joħloq Direttorat Ġenerali ġdid għar-Riċerka Parlamentari (DG EPRS) sabiex jipprovdi konsulenza indipendenti kemm għall-korpi politiċi tal-Parlament kif ukoll lill-membri parlamentari.

⁽¹⁾ Medja kkalkulata fuq bażi ta' 766 Membru (inklużi għalhekk il-Membri li għandhom kuntratti ta' assistenti akkreditati biss jew kuntratti ta' assistenti lokali biss).

88. Dan id-Direttorat Ġenerali, li l-ħolqien tiegħu sar effettiv fl-1 ta' Novembru 2013, jgħaqqad flimkien id-Direttorat l-antik tal-Librerija u l-ġestjoni tad-dokumenti (bl-eċċezzjoni tal-Unità Posta Uffiċjali li baqgħet magħquda mad-DĠ PERS) u d-Direttorat għall-Valutazzjoni tal-Impatt u l-Valur Miżjud Ewropew li qabel kien magħqud mad-DĠ IPOL, li magħhom ingħaqad Direttorat ġdid għas-Servizz ta' Riċerka tal-Membri, organizzat b'mod tematiku.
89. Is-servizz il-ġdid tar-riċerka parlamentari se joffri appoġġ lill-Membri individwali u se jkun kumplimentari għad-dipartimenti tematiċi ⁽¹⁾, li se jkomplu jservu d-detenturi ta' mandat u ta' funzjoni partikolari, bħar-rapporteurs. Dawn il-prodotti huma ta' natura differenti, peress li d-dipartimenti tematiċi nħolqu espliċitament biex iwieġbu minnufih lill-kumitati u lid-delegazzjonijiet parlamentari. Madankollu, dawn iż-żewġ servizzi se jkoooperaw ukoll kemm jista' jkun possibbli u se jiskambjaw informazzjoni bħallikieku jappartjenu verament għal servizz wieħed. Huma jikkondividu l-linja baġitarja eżistenti għall-għarfien.
90. Waqt il-laqgħa tiegħu tal-15 ta' April 2013, il-Bureau awtorizza negozjati mal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali u l-Kumitat tar-Reġjuni fil-qafas tal-proċedura baġitarja 2014 sabiex jikseb effikaċja miżjuda fil-qasam tat-traduzzjoni, u l-parti ta' din il-kisba fi ħdan il-Parlament hija allokata għat-tisħiħ tas-servizz tar-riċerka parlamentari. Peress li dawn in-negozjati kienu kompluti b'suċċess, il-Bureau ta' istruzzjoni lill-President biex jiffirma ftehim ta' kooperazzjoni maż-żewġ kumitati waqt il-laqgħa tiegħu tad-9 ta' Diċembru. Dan il-ftehim joffri b'mod speċjali lill-aġenti kkonċernati mir-ristrutturar tas-servizz tat-traduzzjoni tal-kumitati u li jkollhom il-profil meħtieġ, il-possibilità li jiġu trasferiti lill-Parlament sabiex jaħdmu għad-Direttorat Ġenerali ġdid għas-servizzi tar-riċerka parlamentari (mhux aktar minn 80 aġenti).

A.2. *Ġestjoni tal-għarfien*

91. Il-kooperazzjoni tal-kumitati mad-Dipartimenti tal-Politika hija stretta ħafna, kontinwa u għandha diversi lati: It-tgħarrif, il-karti politiċi, l-istudji u s-sessjonijiet ta' ħidma tad-Dipartimenti tal-Politika regolarment iwasslu għal deliberazzjonijiet tal-kumitati u jiżguraw interkonnessjoni ta' valur bejn il-kompetenza u t-fassil ta' politika. Sabiex jissaħħu l-viżibilità u l-aċċessibilità tal-prodotti tad-Dipartimenti tal-Politika, fl-2013 inħoloq bullettin komuni tad-Dipartimenti tal-Politika. Il-bullettin joffri ħarsa ġenerali kull xahar tal-avvenimenti ewlenin li ġejjin organizzati fil-Parlament Ewropew, sommarju tal-istudji ewlenin li qed jithejju u rabta diretta ma' għażla ta' studji li ġew ippubblikati riċentement. Id-Dipartimenti tal-Politika wettqu aġġornament maġġuri tal-Iskedi ta' Informazzjoni tal-Parlament qabel is-sena tal-elezzjoni.

A.3. *Kodeċizzjoni u kunsens fil-qasam tal-politika esterna*

92. Skont it-Trattat ta' Lisbona, il-ftehimiet kummerċjali kollha issa huma soġġetti tal-kunsens tal-PE, filwaqt li l-miżuri ta' implimentazzjoni tal-Politika Kummerċjali Komuni (PKK) huma soġġetti għall-Proċedura Leġiżlattiva Ordinaria. Fl-2013, il-Kumitat għall-Kummerċ Internazzjonali (INTA) ħadem fuq rapporti leġiżlattivi maġġuri dwar l-Istrument ta' Akkwist Internazzjonali, ir-Regolament ta' Infurzar, u l-ftehimiet tat-tieni qari dwar l-Omnibus I u Omnibus II (li jallinjaw il-leġiżlazzjoni kummerċjali tal-Unjoni mat-Trattat ta' Lisbona), u wkoll l-Istrument ta' Akkwist Internazzjonali u l-modernizzazzjoni tal-Istrumenti ta' Difiża Kummerċjali tal-Unjoni. Il-gruppi ta' monitoraġġ tal-INTA komplew il-ħidma tagħhom fil-monitoraġġ tan-negozjati kummerċjali. Ir-riżoluzzjonijiet ġew adottati frabta mal-mandati ta' negozjar kollha, li kienu ssuġġeriti mill-Kummissjoni.
93. Il-kumitati komplew il-prattika li jimmonitorjaw in-negozjati tal-ftehimiet internazzjonali. Għall-Kumitat għall-Affarijiet Barranin (AFET), kien ikkonċernat b'mod speċjali l-Qafas pendenti għall-Ftehimiet ta' Assoċjazzjoni ma' pajjiżi terzi. AFET iddubita wkoll il-prattika mill-Kunsill li jitlob il-kunsens tal-Parlament ladarba l-proċess ta' ratifika fl-Istati Membri tal-UE jkun kważi lest. AFET adotta wkoll riżoluzzjonijiet dwar il-pajjiżi kandidati u prekandidati kollha, peress li din hija Prattika konsolidata.
94. Il-monitoraġġ tal-iżviluppi fl-Ukraina ġie intensifikat bl-għan li tiġi determinata l-pożizzjoni tal-Parlament dwar il-firma tal-Ftehim ta' Assoċjazzjoni. AFET organizza laqgħat ta' tgħarrif mal-UE u l-partijiet interessati tal-Ukraina u ħejja riżoluzzjoni dwar il-politika tal-viċinat tal-UE, li tkopri l-Ftehim ta' Assoċjazzjoni mal-Ukraina (u wkoll mal-Moldova u l-Ġeorġja).

⁽¹⁾ Dawn id-dipartimenti tematiċi se jkunu integrati mad-Direttorat Ġenerali tal-Politiki Interni u l-Politiki Esterni.

95. Il-Bureau ddeċieda fis-26 ta' Frar 2013 li programm għal Euronest Scola ⁽¹⁾ se jkun organizzat u mmaniġġjat minn DG EXPO f'konformità mal-prinċipji għal Euromed Scola ⁽²⁾ diġà eżistenti, u ddeċieda fil-15 ta' April 2013 dwar estensjoni tal-programm għall-Mexxejja Politiċi Żgħażaġħ mill-Ewropa, il-Palestina u l-Iżrael sabiex jinkludu l-pajjiżi tal-viċinat. Għall-ewwel darba, il-programm ta' Euronest Scola u żewġ fora ġodda tal-Mexxejja Politiċi Żgħażaġħ ġew organizzati b'suċċess kbir f'Novembru-Diċembru 2013 (Magreb-UE u Sħubija tal-Lvant-UE) fejn esprimew konkretament permezz tal-azzjoni amministrattiva l-impenn tal-prijorità tal-PE li jsaħħaħ u jagħti s-setgħa lis-soċjetà ċivili fil-viċinat.

A.4. Titjib tas-servizzi marbuta mas-Seduta Plenarja

96. L-isforzi tat-titjib tal-imaġini tal-Istituzzjoni u l-attrattività tal-Plenarja ġew segwiti billi ġiet żviluppata bażi tad-data affidabbli ta' statistika dwar l-attivitàjiet tal-Plenarja, billi jiġu stabbiliti modifiki għar-Regolament u jiġu adattati proċeduri interni, pereżempji d-dikjarazzjonijiet bil-miktub, ir-rapporti verbatim, il-proċeduri tal-votazzjonijiet. Barra minn hekk, il-modernizzazzjoni tal-applikazzjonijiet tal-IT li jikkonċernaw il-plenarja għadha għaddeja.
97. F'dak li għandu x'jaqsam mal-abbozzar tal-atti leġislattivi, il-ġeneralizzazzjoni tal-proċedura ta' finalizzazzjoni ta' testi qabel l-adozzjoni tagħhom, li tippermetti l-firma u l-pubblikazzjoni aktar rapida tal-leġiżlazzjoni, u l-iżvilupp ta' kapaċità akbar ta' programmazzjoni, ippermettu d-dħul fis-seħħ tal-maġġoranza tal-fajls tal-QFM qabel l-aħħar tas-sena. Inkiseb ukoll progress ieħor fis-servizz tal-abbozzar "fuq talba", pereżempju fil-ħolqien ta' għodda e-Parlament ⁽³⁾ bħad-Drafting Support Tool ⁽⁴⁾.
98. Ta' min wieħed jinnota li n-numru ta' testi leġislattivi adottati mill-Parlament (ippreparati mid-Direttorat għall-Atti Leġislattivi) irdoppja mill-2012. L-integrazzjoni tal-lingwa Kroata (pubblikazzjoni ta' testi leġislattivi u parlamentari mid-data ta' adeżjoni) kienet suċċess.

B. Strateġija ta' komunikazzjoni u preparazzjoni għall-kampanja ta' informazzjoni għall-elezzjonijiet tal-2014

B.1. Attivitàjiet organizzati fil-livell ċentrali

99. Il-kunċett kreattiv għall-Kampanja Istituzzjonali għall-Infommazzjoni u l-Komunikazzjoni dwar l-elezzjonijiet 2014 kien approvat mill-Bureau fl-20 ta' Mejju 2013 u kuntratt speċifiku għall-eżekuzzjoni u l-implimentazzjoni tal-kampanja ġie ffirmat fis-7 ta' Ġunju 2013. L-enfażi tal-kampanja tpoġġiet fuq in-natura politika tal-Parlament Ewropew u s-setgħat ġodda mogħtija lilu mit-Trattat ta' Lisbona tradotti permezz tal-messaġġ "Din id-darba differenti". Il-kunċett huwa bbażat fuq approċċ ta' erba' fażijiet li jirrigwarda l-linja ta' referenza "Aġixxi. Irreaġixxi. Ħalli Impatt." Din il-linja ta' referenza li għandha l-għan li tistabbilixxi l-Parlament Ewropew bħala marka rikonoxxuta, se tiżgura l-perennità tal-kampanja sew wara l-2014.
100. Il-bidu tal-kampanja istituzzjonali għall-infommazzjoni u l-komunikazzjoni sar fi Strasburgu fl-10 ta' Settembru 2013, kontestwalment għall-Istat tal-Unjoni, mument simboliku magħżul biex jissottolinja r-rwol għdid tal-Parlament Ewropew wara d-dħul fis-seħħ tat-Trattat ta' Lisbona. L-avveniment kellu kopertura estensiva tal-midja, fejn madwar 160 ġurnalist attendew il-konferenza tal-istampa tal-bidu. Din il-kopertura, flimkien mal-interazzjoni intensiva tal-midja soċjali, tfisser li t-tnejja tista' titqies bħala suċċess reali fir-rigward tas-sensibilizzazzjoni. F'Diċembru 2013, il-websajt uffiċjali tal-kampanja saret disponibbli onlajn.

⁽¹⁾ Taħt il-programm Euronest Scola, ċittadini żgħażaġh mill-Istati Membri tal-UE u minn sitt pajjiżi tas-Sħubija tal-Lvant (l-Armenja, l-Azerbajġan, il-Belarus, Ġeorġja, il-Moldova u l-Ukarina) huma mistiedna mill-Parlament Ewropew biex jiddibattu, jiddiskutu u jadottaw riżoluzzjonijiet dwar kwistjonijiet ta' interess komuni għas-Sħubija tal-Lvant. Hu għandu l-għan li jqajjem il-kunxjenza tal-parteċipanti żgħażaġh għall-valuri ta' djalogu, għarfien u fehim reċiproku, u rispetta għad-diversità kulturali u lingwistika. Hu jipprovi edukazzjoni ċivika mmirata lejn id-demokrazija, ir-rispett għad-drittijiet tal-bniedem u l-libertajiet fundamentali, toleranza u riżoluzzjoni paċifika tal-kunflitti.

⁽²⁾ Euromed Scola tnediet fl-2008. Hi tgħaqquad flimkien ċittadini żgħażaġh mill-Istati Membri tal-UE kollha kif ukoll ġirien tan-Nofsinar sabiex iħaddnu Sħubija Euro-Mediterranja.

⁽³⁾ Il-programm e-Parlament għandu l-għan li jagħti s-setgħa lill-Membri tal-Parlament Ewropew (PE) u jagħtihom żieda fil-kontroll fuq il-ħajja politika tal-Istituzzjoni billi jipprovdihom appoġġ msaħħaħ u mtejjeb biex iwettqu l-attivitàjiet tagħhom ta' tfassil ta' liġijiet.

⁽⁴⁾ Id-Drafting Support Tool (DST) huwa għodda ta' appoġġ għall-abbozzar disponibbli onlajn. Din l-għodda tippermetti lill-Membri jaċċedu għal pula ta' ġuristi lingwisti lesti biex ituhom assistenza fl-abbozzar ta' emendi leġislattivi. Il-proċess kollu huwa kompletament kunfidenzjali.

101. L-aħħar xhur tal-2013 kienu ddedikati għall-implimentazzjoni tat-tieni fażi tal-kampanja ("Fażi tematika") u l-preparazzjoni tal-fażijiet ta' wara ("Mur ivvota" u "wara l-elezzjoni").

B.2. *Attivitajiet deċentralizzati*

102. Apparti li tuża kanali ta' komunikazzjonijiet tradizzjonali, il-fażi tematika tal-kampanja tintroduċi numru ta' attivitajiet ta' komunikazzjoni innovattivi bħall-organizzazzjoni tal-avvenimenti "ReACT" f'haest ibliet ewlenin.
103. L-ewwel avvenimenti, organizzati f'Pariġi, Varsavja u Frankfurt, indirizzaw it-temi ewlenin bħall-impjeggi, l-ekonomija, il-baġit tal-UE u l-fondi strutturali, u rreġistraw livell għoli ta' interess fost is-soċjetà ċivili u l-partijiet interessati. Żewġ avvenimenti oħra dwar il-kwalità tal-ħajja u l-UE fid-dinja se jsiru f'Ruma u f'Madrid fl-2014.
104. L-Uffiċċji ta' Informazzjoni għandhom rwol ewleni fl-implimentazzjoni tal-kampanja, billi jippromwovu l-għodda żviluppata ċentralment fl-Istati Membri kollha, u billi jinvolvu l-partijiet interessati u lill-midja bħala multiplikaturi sabiex jiksbu komunikazzjoni usa' tal-messaġġ tal-kampanja kif ukoll jimmaniġġjaw l-midja soċjali fil-livell lokali.

B.3. *EYE*

105. B'mod parallel mal-kampanja istituzzjonali għall-informazzjoni u l-komunikazzjoni, se jiġi organizzat Avveniment Ewropew taż-Żgħażaġħ (EYE). Il-Bureau adotta fl-1 ta' Lulju 2013 il-kunċett għal dan l-avveniment, maħsub biex iqajjem kuxjenza tal-identità Ewropea fost iż-żgħażaġh.
106. L-avveniment, bil-motto ġenerali "Ideat għal Ewropa Aħjar", se jsiru fi Strasburg u f'Mejju 2014, b'5 000 żgħażuġ mill-Ewropa kollha. Ir-reġistrazzjoni ilha miftuħa minn Ottubru 2013.

B.4. *Progress imwettaq fil-livell tal-proġett tad-Dar l-Istorja Ewropea*

107. Il-kunċett tal-punti ewlenin tal-eżibizzjoni permanenti ġie adottat mill-Bureau matul il-laqgħa tiegħu tat-22 ta' Ottubru 2012. Fl-2013, dan il-kunċett ġie żviluppata aktar ma' kumpanija tad-disinn u ġie finalizzata issa.
108. B'mod parallel mad-disinn tal-eżibizzjoni permanenti, it-tim tad-Dar l-Istorja Ewropea beda jiżviluppa l-offerta tal-futur lill-viżitaturi, li tinkludi eżibizzjonijiet temporanji u itineranti, avvenimenti, konferenzi, offerta onlajn estensiva u programmi ta' taġħlim immirati lejn gruppi ta' età differenti. Il-proġett tad-Dar l-Istorja Ewropea huwa parti integrali tal-offerti tal-viżitaturi tal-Parlament Ewropew u l-istrategġija tal-viżitaturi li qed tiġi żviluppata bħalissa.
109. Ix-xogħlijiet fil-bini Eastman, li se jospita d-Dar l-Istorja Ewropea, għamlu progress sinifikanti fl-2013 u huma mistennija li jitlestew sal-aħħar tal-2014. Il-bini se jittejjera sabiex jilqa' l-eżibizzjonijiet. Il-ftuħ tad-Dar l-Istorja Ewropea huwa mistenni għall-aħħar tal-2015 b'eżibizzjoni permanenti, filwaqt li l-ewwel eżibizzjoni temporanja hija skedata għall-2016.

B.5. *Titjib fis-servizzi għall-viżitaturi*

110. Fl-2013 sar progress fit-titjib tas-servizzi għall-viżitaturi permezz ta' żewġ ftehimiet ta' kooperazzjoni mal-Port Awtonomu ta' Strasburg u r-Reġjun ta' Alsace/Memorial Alsace-Moselle wara d-deċiżjoni tal-Bureau tat-18 ta' Novembru 2013: il-kapaċità ta' lqugħ ta' viżitaturi tal-bini tal-PE fi Strasburg se tiżdied minħabba n-numru ogħla ta' viżitaturi mistennija matul is-sena tal-elezzjoni, u ċ-ċittadini li jżuru l-PE fi Strasburg se jiġu pprovduti b'ħarsa ġenerali storika usa' bħala parti mill-proġett ġdid EU-PHORIA fi Schirmeck.
111. Fl-istess ħin u f'konformità mad-deċiżjoni msemmija hawn fuq, sar xogħol preparatorju biex jistabbilixxi ċinema 360 żgħir fi Strasburg u f'Berlin, u biex jitwettqu fi Strasburg eżerċizzji ta' loġhob fejn il-parteċipanti jeħdu rwoli realistiċi simili għal dawk organizzati fi Brussell.

C. **Bidliet istituzzjonali li jirriżultaw mill-adeżjoni tal-Kroazja**

112. Il-mili ta' postijiet vakanti previst fil-baġit (total ta' 124) sar permezz tal-ħatra ta' aġenti temporanji b'effett mill-1 ta' Lulju 2013 imbagħad bis-sostituzzjoni tal-aġenti temporanji minn uffiċjali taħt prova hekk kif ġew ippubblikati l-listi ta' kandidati li għaddew kompetizzjoni speċifika għaċ-ċittadini ta' nazzjonalità Kroata.

113. It-tnax-il osservatur Kroat attendew għax-xogħlijiet parlamentari (sessjonijiet plenarji, kunitati, gruppi politiċi) sa mill-1 ta' April 2012 u saru Membri bis-sħiħ mill-1 ta' Lulju 2013.

D. Tkomplija tal-implimentazzjoni ta' programmi pluriennali għar-razzjonalizzar u l-immodernizzar ta' taqsimit ewlenin tal-Amministrazzjoni tal-Parlament

D.1. Il-politika tal-proprjetà immobbli

114. Fil-kuntest tal-implimentazzjoni tal-istrateġija tal-proprjetà immobbli għal żmien medju stabbilita mill-Bureau fl-24 ta' Marzu 2010, ġew deċiżi jew implimentati diversi proġetti, bħal kif inhu deskrit hawn taħt.

Brussell

115. Fir-rigward tal-proġett Trebel, il-permess ta' ppjanar twassal fit-30 ta' April 2013 bi tnaqqis tal-art mistenni li jkun ta' 8 %. Minħabba din il-modifika tal-proġett, defiċit addizzjonali tal-ispazju għall-uffiċċji ta' 2 562 m² huwa mistenni sas-sena 2017.

116. It-tfittxija għal soluzzjoni temporanja sakemm il-bini Trebel ikun jista' jiġi okkupati, li huwa mistenni fl-2007, wasslet biex jiġi identifikat il-bini Square de Meeûs Nru 8 bħala l-aktar wieħed adattat (ara d-deċiżjonijiet tal-Bureau tat-30 ta' Novembru 2011, l-14 ta' Jannar 2013 u l-11 ta' Marzu 2013 kif ukoll id-deċiżjoni tal-Kumitat għall-Baġits tat-28 ta' Frar 2013). Il-kuntratt ta' kera ta' 12-il sena għal dan il-bini ġie ffirmat fit-28 ta' Marzu 2013, b'dispożizzjoni li l-bini għandu jiġi okkupati mill-31 ta' Marzu 2014. L-ippjanar tat-tneħħija gradwali mill-2014 tad-dipartimenti li bħalissa jinsabu f'bini ieħor (minimu ta' 1 000 persuna) kif ukoll ix-xogħlijiet fl-uffiċċji attwali u futuri għall-Membri u l-assistenti tagħhom bdew fl-2013.

Il-Lussemburgu

117. Għal dak li jikkonċerna l-proġett Konrad Adenauer, analiżi ġenerali tax-xogħol tal-kumpanija li għall-bidu mmaniġġjat il-proġett twettqet skont it-termini tal-ftehim ta' sħubija ffirmat fis-16 ta' Jannar 2012 mal-Istat Lussemburgiż, u minħabba f'hekk ġie deċiż li jitwaqqfu s-servizzi ta' din il-kumpanija. Sejħa għall-offerti għall-maniġment imsaħħaħ tal-proġett inkarigat mis-sorveljanza tax-xogħlijiet ġiet ippubblikata fit-2 ta' Jannar 2013 u rriżultat fil-ħatra ta' ħames entitajiet li flimkien jiffurmaw il-maniġment tal-proġett, taħt it-tmexxija ta' koordinatur mexxej. Is-servizzi pprovduti mill-maniġment ġdid tal-proġett bdew f'nofs l-2013. Barra minn hekk, ir-riċerka għall-miżuri ta' tfaddil fil-livell tal-proġett u l-ħruġ mill-ġdid tas-sejħat għall-offerti għax-xogħlijiet tas-sit tal-bini EST ippermettew li jinkisbu offerti li jirrispettaw il-baġits allokati. Ix-xogħol ta' kostruzzjoni beda f'Settembru tal-2013. Ingħata lott addizzjonali (Façades) fl-20 ta' settembru 2013 u wassal għall-iffirmar tal-kuntratt korrispondenti fis-6 ta' Jannar 2014.

118. Barra minn hekk, il-pakkett finanzjarju li ġie stabbilit għall-finanzjament tal-proġett tpoġġa fil-prattika għall-ewwel darba. L-ewwel kontijiet tħallsu lill-kuntratturi mill-kumpanija tal-proprjetà immobbli li ġiet stabbilita għal dan l-għan. Ġie ffirmat ftehim fiduċjarju fil-25 ta' Novembru 2013 mal-bank BGL. Huwa maħsub biex jiggarrantixxi l-ammonti kkreditati lill-kontijiet tal-kumpanija tal-proprjetà immobbli u jippermetti t-trasferiment sikur tal-appropriazzjonijiet allokati lill-proġett Konrad Adenauer mill-awtorità baġitarja. Il-kont fiduċjarju kkonċernat seta' għalhekk jirċievi l-ewwel trasferimenti f'Diċembru 2013. Skont l-obbligi kuntrattwali, sar l-ewwel prelevament fuq is-self fil-31 ta' Diċembru 2013.

119. Sakemm il-bini ġdid Konrad Adenauer isir disponibbli, huwa neċessarju li tiġi estiża l-kera tal-bini Goldbell sal-31 ta' Diċembru 2017, u li jinkera l-bini Geos minflok il-bini President. Fir-rigward tal-bini Goldbell, seta' jinkiseb tfaddil sostanzjali b'paragun mal-kundizzjonijiet tal-kera attwali fil-konklużjoni tan-negozjati mas-sid, u l-ftehim addizzjonali għall-kera ġie ffirmat fil-21 ta' Ottubru 2013 ⁽¹⁾. Barra minn hekk, analiżi tal-ispejjeż/benefiċċji uriet li l-ġarr mill-bini President għall-bini Geos fl-2014 se jiġġenera tfaddil għall-perjodu bejn l-1 ta' April 2014 sal-31 ta' Diċembru 2017 li jkun ogħla minn dak iġġenerat li kieku tinżamm il-kera fuq il-bini President taħt it-termini l-ġodda proposti mis-sid. Konsegwentement, fit-13 ta' Awwissu 2013, ġie ffirmat kuntratt ta' kera tal-bini Geos wara l-approvazzjoni tal-Bureau waqt il-laqgħa tiegħu tat-2 ta' Lulju 2013 ⁽²⁾.

⁽¹⁾ Il-Kumitat għall-Baġits iddeċieda fis-27 ta' Novembru 2013 li ma joħroġx opinjoni dwar in-negozjat mill-ġdid tal-kera.

⁽²⁾ Il-Kumitat għall-Baġits iddeċieda fil-11 ta' Lulju 2013 li ma joħroġx opinjoni dwar il-kera tal-bini Geos minflok il-bini President.

Uffiċċji ta' Informazzjoni

120. Il-kuntratt preliminari tax-xiri tal-bini ġdid f'Sofija ġie ffirmat fis-7 ta' Lulju 2011 għall-ammont ta' EUR 9 miljun. Minħabba xogħol ħażin u nuqqas ta' konformità tax-xogħlijiet ta' sistemazzjoni, il-bini ma ġiex aċċettat fl-2012. Wara li s-sid irranġa d-difetti kollha tal-bini, il-proċedura għall-approvazzjoni tal-bini wasslet għall-iffirmar tal-kuntratt ta' xiri quddiem nutar f'Sofija fl-4 ta' Ġunju 2013. Ir-rilokazzjoni saret fil-11 ta' Ġunju 2013 u sa minn Lulju 2013, Dar l-Ewropa hija operattiva bis-sħiħ.
121. Għadhom qed isiru tentattivi biex jiġi ffirmat ftehim ta' kooperazzjoni bejn il-Parlament Ewropew u l-Kummissjoni Ewropea fir-rigward tal-ġestjoni konġunta tad-Djar l-Ewropa maħsub biex min-naħa, jiddefinixxi qafas ta' ppjanar pluriennali tal-istħarriġ tal-proprjetà għall-akkwist jew il-kera, u min-naħa oħra, biex jissimplifika l-proċeduri amministrattivi u finanzjarji tal-ġestjoni tagħhom ta' kuljum.

Politika ġdida ta' manutenzjoni u rinovazzjoni tal-bini

122. Tnieda awditu estern fl-2013 sabiex tkun tista' tiġi ppreżentata, għall-okkażjoni tal-leġislatura l-ġdida, l-ewwel valutazzjoni tal-politika ta' manutenzjoni msaħħa. Skema ta' awditu intern u estern li għandha tiġi riprodotta regolarment f'kull leġislatura ġiet approvata mill-Bureau fis-26 ta' Frar 2013, u r-riżorsi li se jiġu mobilizzati se jiġu deċiżi fuq din il-bażi.
123. L-għeluq temporanju taż-żona A tal-bini Paul-Henri Spaak ġie deċiż wara s-sejbien ta' xquq fi tliet travi tal-istruttura tal-Kamra waqt il-verifiki li saru f'Settembru 2012 bħala parti mill-politika kontinwa ta' kontrolli u manutenzjoni preventiva tal-infrastrutturi tal-Parlament. Wara analiżi dettaljata tal-vantaġġi u l-iżvantaġġi tas-soluzzjonijiet biex jergġhu jagħmlu l-istruttura sikura, l-esperti għażlu soluzzjoni li, b'kunsiderazzjoni taż-żmien meħtieġ għall-istudju, kontroll, sejħiet għall-offerti, twettiq ta' xogħlijiet u rinovazzjoni tal-Kamra, tipprevedi li l-Kamra ma tistax tkun disponibbli għall-użu qabel il-bidu tas-sena 2014. Il-kuntratt dwar ix-xogħlijiet maħsuba biex jagħmlu l-Kamra sikura (tiswija tal-istruttura u rinovazzjoni tal-Kamra) ġie ffirmat fis-26 ta' Ġunju 2013, ippermetta l-bidu tax-xogħlijiet ta' tisħiħ tal-istruttura tas-saqaf.
124. Fir-rigward tal-ħsarat li jaffettwaw is-saff ta' protezzjoni kontra n-nirien tal-istruttura tas-saqaf tal-bini Louise Weiss, l-ispezzjonijiet imwettqa mill-grupp ta' esperti maħtura mill-Qorti Ġenerali ta' Strasburgu, se jtkomplew sat-tmiem l-ewwel trimestru tal-2014. Madankollu, il-konklużjonijiet tal-grupp ta' esperti li wasslu għalihom abbażi tal-istudji inizjali tagħhom, ippermettew lill-Parlament Ewropew biex jippjana l-ewwel xogħlijiet meħtieġa biex l-istruttura tas-saqaf tal-Kamra terġa' tiġi konformi mal-liġi dwar is-sikurezza kontra n-nirien. F'dan ir-rigward, tniedu żewġ proċeduri tas-sejħa għall-offerti. L-ewwel waħda, li tikkonċerna x-xogħlijiet imsemmija hawn fuq, ġiet sospiża sakemm jiġi konkluż ir-rapport tal-esperti u d-deċiżjoni għandha tittieħed qabel ix-xahar ta' Mejju 2014. It-tieni waħda hija finalizzata u se tippermetti l-abbozzar ta' studju dwar is-sikurezza kontra n-nirien li permezz tiegħu jkun jistgħu jiġu stabbiliti diversi modi kif jistgħu jġibu l-bqija tal-istruttura konformi mal-liġi. Ix-xogħol meħtieġ għal din it-tieni proċedura għandu jitwettaq fl-ewwel trimestru 2014.

D.2. *Il-politika ambjentali*

125. Il-Parlament Ewropew sar eżemplari fil-ġlieda kontra l-bidla fil-klima billi stabbilixxa strateġija kompluta tat-tnaqqis u kumpens tal-emissjonijiet tal-karbonju, b'objettiv ambizzjuż ta' tnaqqis ta' 30 % tal-emissjonijiet tiegħu qabel l-2020. Fl-2013, kien hemm tnaqqis ta' 26,4 % u 28 % tal-marka tal-karbonju kienu bbilanċjati (bini, missjonijiet, karozzi uffiċjali).
126. Għall-ewwel darba mill-ewwel reġistrazzjoni EMAS fl-2007 (li kopriet 9 binjiet), il-Parlament Ewropew żied in-numru ta' binjiet li jirċievu r-reġistrazzjoni EMAS. Tliet binjiet ġodda (WIB, JAN u PFL) żdienu fl-2013. Dan talab it-twettiq ta' analiżi ambjentali u ta' awditi ta' dan il-bini. Barra minn hekk, dan il-kuntratt intuża biex tintalab li ssir kwantità sinifikanti ta' kontrolli biex jiffaċilitaw l-interpretazzjoni tal-leġiżlazzjoni ambjentali u biex jiżguraw li s-servizzi tal-Parlament ikunu konformi bis-sħiħ (Eżiġenza tar-Regolament EMAS). Wara t-twettiq ta' awditi esterni f'Mejju u f'Ġunju 2013, il-Parlament seta' jitlob estensjoni tar-reġistrazzjoni EMAS tiegħu għal tliet snin addizzjonali.
127. Ġie ffirmat kuntratt mal-impriża ECOACT fis-7 ta' Novembru 2013 sabiex jikkumpensa 28 747 tunnellata ta' CO₂ fil-qafas ta' proġett ta' effiċjenza enerġetika fis-sistema ta' tisħin urban f'Pernik, fil-Bulgarija. L-appropriazzjonijiet ta' kumpens mixtrija huma konformi mas-Sistema ta' skambju ta' kwoti ta' emissjoni tal-Unjoni Ewropea (UE ETS).

128. Barra minn hekk, ġew organizzati tliet avvenimenti fl-2013 fit-tliet postijiet: il-Ġimgħa "Ħadra", il-Ġimgħa "Mobilità" u l-Ġimgħa "Skart".

D.3. *Il-politika tal-forniment tal-ikel*

129. Is-sena 2013 kienet il-bidu ta' perjodu ta' riformi strutturali tal-attivitàjiet tal-forniment tal-ikel tal-Parlament, bl-għan li jimmodernizzawhom kompletament minn issa sal-2019. F'dan il-kuntest, fil-laqgħa tiegħu tal-10 ta' Ġunju 2012, il-Bureau adotta nota mingħand is-Segretarju Ġenerali dwar il-"politika futura għall-forniment tal-ikel tal-Parlament għall-2014-2019 – Direttivi għall-modernizzazzjoni" u pprova wkoll linji gwida strateġiċi għall-iżvilupp futur ta' dan is-settur.
130. Id-deċiżjoni tal-Bureau tkopri mhux biss il-kwistjonijiet marbuta mal-infrastrutturi, l-aspetti operattivi u nutrizzjonali iżda wkoll l-oġġettivi ekonomiċi. L-ewwel effetti tal-implimentazzjoni tar-riforma strutturali akkumpanjata minn reviżjoni tal-prezzijiet (li ilhom ma jinbidlu 12-il sena) imwettqa fil-bidu tal-2013 fir-ristoranti, self service, kafeteriji u barrijiet tal-Parlament, ippermettew titjib tas-sitwazzjoni baġitarja għall-Partita 1652 "Spejjeż tal-funzjonament tar-ristoranti u l-kantins"..
131. Permezz ta' ġestjoni aħjar tal-ispejjeż, żieda tal-produttività, kompetizzjoni bejn il-fornituri differenti u pprezzar realistiku, huwa previst li tinkiseb sitwazzjoni ta' bilanċ fl-aħħar tal-perjodu leġiżlattiva 2014-2019.

D.4. *Tkomplija tal-modernizzazzjoni tat-teknoloġiji tal-informazzjoni/Sikurezza*

132. L-implimentazzjoni ta' programmi bħal eParliament (emendi u firem elettroniċi, MEP Portal, eċċ), Paperless (eCommittee⁽¹⁾, eMeeting⁽²⁾, eċċ) u Knowledge Management, tippermetti li nimxu lejn PE kompletament konness u mobbli. Dan huwa kkompletat bl-introduzzjoni (li għadha għadejja bħalissa) tat-tablet bħala għodda ta' xogħol standard. Dan il-proċess huwa akkumpanjat minn tiġdid tas-software (migrazzjoni lejn livelli avvanzati ta' W7 u Outlook 2010) u tisħiħ konsiderevoli tan-netwerk tal-vidjokonferenzi kif ukoll tal-Wi-Fi.
133. B'segwitu ta' artikli tal-istampa relatati ma' intrużjoni fin-netwerk tal-Wi-Fi miftuħ tal-Parlament Ewropew, sar stħarriġ biex jivvaluta l-livell u t-tip ta' intrużjoni. Waqt il-laqgħa tiegħu tad-9 ta' Diċembru 2013, il-Bureau approva b'mod unanimu l-miżuri immedjati u ta' terminu medju proposti mis-Segretarju Ġenerali maħsuba biex issaħħu r-regoli ta' sikurezza tal-Parlament dwar l-użu ta' tagħmir mobbli.

D.5. *Relazzjonijiet mal-parlamenti nazzjonali*

134. Ir-relazzjonijiet mal-Parlamenti nazzjonali komplew jissaħħew permezz tal-Ġimgħa Parlamentari Ewropea mit-28 sat-30 ta' Jannar 2013, fejn il-Membri tal-Parlament Ewropew u l-Parlamentari nazzjonali ltaqgħu biex jiddibattu dwar is-Simestru Ewropew għall-koordinazzjoni politika ekonomika.
135. L-ewwel konferenza interparlamentari dwar il-governanza ekonomika u finanzjarja tal-Unjoni Ewropea, prevista mill-Artikolu 13 tat-Trattat dwar l-Istabbiltà, il-Koordinazzjoni u l-Governanza, saret f'Vilnius mis-16 sas-17 ta' Ottubru 2013.
136. Fuq il-pjan tekniku, wieħed għandu jinnota l-iżvilupp tal-bażi tad-data tal-PE għad-dokumenti tal-parlamenti nazzjonali "Connect", bl-għan li jinxtardu aħjar l-opinjoni u l-kontribuzzjonijiet tagħhom, skont kif ġie previst mit-Trattat fil-qasam tas-sussidjarjetà u l-proporzjonalità. Il-proġett pilota dwar il-"vidjokonferenzi" bħala vantaġġ maġġuri fil-kooperazzjoni interparlamentari ġie konkluż b'suċċess. L-informazzjoni disponibbli għall-Membri u l-partijiet terzi tjebet b'mod sinifikanti permezz tal-iżvilupp tal-bażijiet tad-data CERDP (Ċentru Ewropew għar-Riċerka u d-Dokumentazzjoni Parlamentari) u IPEX (Netwerk Komunitarju għall-Iskambju tal-Infurmazzjoni Interparlamentari).

⁽¹⁾ L-applikazzjoni eCommittee hija spazju ta' xogħol iddedikat għall-Membri, segretarji tal-Kumitati, persunal tal-gruppi politiċi u oħrajn li jkollhom bżonn isegwu x-xogħol tal-Kumitati. Kull Kumitat għandu s-sit tiegħu, li jikkontribwixxi għaż-żieda tat-trasparenza u l-effiċjenza tax-xogħol. Din l-applikazzjoni ntużat mill-Kumitati kollha sa minn Frar 2012.

⁽²⁾ L-applikazzjoni eMeeting tagħmel id-dokumenti tal-laqgħat tal-Kumitati disponibbli f'format li jkun faċli għall-utent, u tippermetti l-konsultazzjoni, l-annotazzjoni u l-qsim tad-dokumenti f'kull ħin, kullimkien u fuq kwalunkwe mezz.

D.6. *Ristrutturar fil-fond tas-servizzi tas-sikurezza*

137. Wara d-deċiżjoni tal-Bureau tal-2012 dwar l-internalizzazzjoni tas-servizzi tas-sikurezza ġenerali, ġiet adottata sensiela ta' miżuri preparatorji maħsuba biex iniedu l-internalizzazzjoni, l-ewwel bil-proċedura ta' għażla ta' 1 212 kandidat magħżula minn total ta' 2 443 applikazzjoni li tippermetti r-reklutaġġ progressiv ta' aġenti kuntrattwali fit-tliet postijiet ta' xogħol tal-Parlament, u dan fir-rispett strett tal-pjan ta' azzjoni approvat mill-Bureau.
138. Minn Settembru 2013, iċ-ċentru ta' kontroll huwa magħmul biss minn aġenti tal-Parlament u, minn Ottubru, il-funzjonijiet ta' sikurezza għall-iskola materna, il-Parlamentarium u l-punti ta' aċċess għall-bini ASP ġew ukoll internalizzati.
139. L-internalizzazzjoni tinvolvi proċess kumpless li għandu diversi lati li jinkludi, mhux biss operazzjoni vasta ta' reklutaġġ ta' aġenti tal-Parlament, iżda wkoll u speċjalment it-taħriġ, l-adattament u l-integrazzjoni tagħhom kif ukoll l-organizzazzjoni tal-attivitajiet, kompiti li qatt ma ġew żgurati internament fil-passat. Il-kumplessità ta' dan il-proċess ġejja wkoll mill-fatt li, waqt il-fażi tranżitorja u sat-tlestija kompluta, il-kumpaniji esterni attwalment inkarigati mis-sigurtà u l-persunal tal-Parlament iridu jaħdmu b'mod parallel.
140. Kif indikat fil-pjan ta' azzjoni approvat mill-Bureau, il-proċess ta' internalizzazzjoni fi Brussell u Strasburgu se jitwettaq b'mod progressiv waqt il-perjodu 2013-2016. Fir-rigward tal-Lussemburgu, il-proċess ta' internalizzazzjoni huwa kkundizzjonat mill-politika tal-bini u speċjalment mix-xogħlijiet li għaddejjin bħalissa fil-bini KAD. Minħabba f'hekk, l-iżvilupp u l-implimentazzjoni tiegħu se jkun marbuta mal-istat ta' progress tax-xogħlijiet.

E. **Miżuri oħra ta' modernizzazzjoni**

E.1. *Titjib tas-servizzi għall-Membri*

141. Fil-laqgħa tiegħu tad-9 ta' Diċembru 2013, il-Bureau ħa nota u approva l-ħolqien ta' post uniku għas-servizzi parlamentari għall-Membri. Dan isegwi l-konklużjonijiet ta' proċess ta' konsultazzjoni tal-Membri u tal-persunal tal-Parlament għat-titjib u l-modernizzazzjoni tal-kapaċitajiet organizzattivi tal-Parlament. Dan is-servizz se jkun marbut mad-Direttorat għal-Loġistika, u r-reklutaġġi tal-persunal marbut ma' din l-unità se jsiru permezz tar-riallokazzjoni interna. Dan se jibda jaħdem progressivament mill-bidu tal-2014 sabiex ikun operattiv bis-sħiħ wara l-elezzjonijiet.
142. Il-portal tal-Membri għall-intitolamenti soċjali u finanzjarji għandu l-għan li jipprovdi lill-Membri b'punt ta' dħul uniku tal-Intranet fejn huma jistgħu jiksbu informazzjoni dwar l-istatus u x-xejriet tad-drittijiet finanzjarji u soċjali tagħhom li jirriżultaw mill-Istatut tal-Membri u l-miżuri ta' implimentazzjoni tiegħu. Dan se jiffaċilita b'mod sostanzjali l-ġestjoni tal-intitolamenti finanzjarji u soċjali ta' kull Membru. L-ewwel verżjoni tal-Portal għall-Membri attivi li se tintuża mill-bini tal-PE għal subsett ta' formoli u data saret disponibbli fl-2013. Huma previsti passi addizzjonali (bħal karatteristiċi addizzjonali għall-MEPs fosthom l-użu tal-firma elettronika, l-aċċessibilità barra l-bini tal-PE, il-portal għal ex Membri u l-benefiċjarji tagħhom, aġenti ta' pagament, tlestija tal-arkivji), b'data fil-mira ta' Diċembru 2015, sabiex tlesta s-sistema sħiħa.

E.2. *Il-ġestjoni finanzjarja u baġitarja*

143. Matul is-sena 2013, fil-qafas tal-proċedura tal-baġit tal-2014 ⁽¹⁾, il-Parlament fuq il-bażi tal-proposti tal-Bureau u wara konsultazzjonijiet fil-grupp ta' ħidma konġunt tal-Bureau – Kumitat għall-Baġits approva l-ħtieġa li jissaħħu l-erba' oqsma tal-attivitajiet tiegħu:
- a) It-tisħiħ tal-parir xjentifiku indipendenti – L-istudju komparattiv ma' erba' parlamenti nazzjonali u l-Kongress tal-Istati Uniti wera marġni sinifikanti għal titjib fl-istruttura ta' appoġġ għall-Parlament Ewropew, partikolarment rigward il-parir xjentifiku indipendenti. Abbażi tar-rakkomandazzjonijiet tal-Grupp ta' Ħidma konġunt, il-Bureau ddeċieda, fil-laqgħa tiegħu tal-20 ta' Mejju 2013, li joħloq Direttorat Ġenerali għid għar-Riċerka Parlamentari (DG EPRS) sabiex jipprovdi parir xjentifiku indipendenti kemm għall-korpi politiċi kif ukoll għall-membri individwali (ara l-paragrafi 87 sa 89).

⁽¹⁾ Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tat-23 ta' Ottubru 2013 dwar il-pożizzjoni tal-Kunsill dwar il-baġit ġenerali tal-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja 2014 (13176/2013 – C7-0260/2013 – 2013/2145(BUD)) u r-Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tas-17 ta' April 2013 dwar l-istimi tad-dħul u tan-nefqa tal-Parlament Ewropew għall-2014 (2013/2018(BUD)).

- b) It-tisħiħ għall-kapaċità għall-iskrutinju – Il-Grupp ta' Ħidma konġunt ikkonkluda, abbażi tal-istudji komparattivi msemmija hawn fuq u b'kunsiderazzjoni li l-iskrutinju huwa wieħed mill-erba' kompiti ewlenin tal-Parlament fiċ-ċiklu leġiżlattiv, li huwa neċessarju li tissaħħaħ il-kapaċità tal-kontroll parlamentari fuq l-eżekuttiv. In-nuqqas ta' kapaċità kien ċar ħafna fil-qasam tal-iskrutinju ta' atti delegati, programmi ta' nfiq u traspożizzjoni tal-leġiżlazzjoni. Strutturi ta' appoġġ korrispondenti għall-Membri se jkollhom jinħolqu u jitpoġġew il-mezzi għad-dispożizzjoni tagħhom ladarba jkun sar il-proċess politiku tat-tehdid ta' deċiżjoni wara l-elezzjonijiet tal-2014.
- c) It-titjib tal-appoġġ loġistiku għall-Membri – Għall-appoġġ loġistiku għall-Membri, il-Grupp ta' Ħidma Konġunt identifika l-ħtieġa li jalloka aktar spazju ta' uffiċċji lill-Membri, u jakkomoda lill-assistenti u lit-trainees li jservu lill-Membri f'kundizzjonijiet ta' xogħol tajbin, f'konformità sħiħa mal-liġi Belġjana dwar il-kundizzjonijiet ta' xogħol. Għal dak il-għan, il-Bureau ħa diversi deċiżjonijiet fl-2013 dwar il-politika tal-bini (ara t-taqsim D.1).
- d) It-titjib tal-appoġġ lokali għall-Membri – Abbażi b'mod partikolari tal-eżempji tal-Kungress tal-Istati Uniti u l-Bundestag, il-Grupp ta' Ħidma indirizza wkoll il-kwistjoni tal-Membri li jgħaddu aktar ħin fil-kostitwenzi tagħhom u tal-appoġġ lokali li huwa meħtieġ għall-ħidma fil-kostitwenzi. Ir-rakkomandazzjonijiet tal-Grupp ta' Ħidma tressqu lill-Bureau, li talab li din il-kwistjoni tiġi eżaminata f'aktar fond mill-gruppi politiċi u l-Konferenza tal-Presidenti, partikolarment il-kwistjoni ta' kalendarju parlamentari organizzat b'mod aktar effikaċji biex jippermetti lill-Membri jgħaddu aktar ħin fil-kostitwenzi tagħhom.
144. Barra minn hekk, il-Grupp ta' Ħidma Konġunt identifika seba' oqsma, fejn il-Parlament jista' jtejjeb l-effiċjenza tiegħu biex jippermetti l-iżvilupp tal-erba' oqsma ta' attivitajiet msemmija hawn fuq b'mod li jkun finanzjarjament responsabbli:
- i. Tiġi żviluppata sistema ta' traduzzjoni fuq talba tal-MEPs tal-emendi tal-Kumitat – Il-Grupp ta' Ħidma Konġunt jirrakkomanda li jiġu tradotti emendi fl-istadju tal-Kumitat f'kull profil tal-lingwa tal-Kumitati (jiġifieri, li jikkorrispondu għal lingwi tal-Membri u Sostituti tal-Kumitat) u fuq talba speċifika minn kull MEP li mhuwiex Membru jew Sostitut tal-Kumitat li jrid traduzzjoni fil-lingwa tiegħu. Dan jippermetti tnaqqis ta' 54 075 paġna tradotta internament u 18 025 paġna esternalizzata kull sena (l-aħħar ċifra tirrappreżenta EUR 540 000 ta' tfaddil annwali).
- ii. Jiġu esplorati possibbiltajiet għall-kooperazzjoni interistituzzjonali mal-Kumitat tar-Regġuni u l-Kumitat Ekonomiku u Soċjali – wara negozjati mwettqa matul il-ħarifa bejn it-tliet istituzzjonijiet, il-Bureau ta l-approvazzjoni tiegħu, f'Diċembru 2013 għall-proġett ta' kooperazzjoni ⁽¹⁾, li jipprevedi:
- Il-Parlament Ewropew joffri lill-uffiċċjali (mhux aktar minn 80) ikkonċernati mir-ristrutturar tas-servizz tat-traduzzjoni tal-Kumitati l-possibbiltà li jaħdmu għad-dipartiment il-ġdid tar-riċerka parlamentari fil-Parlament. Dawn it-trasferimenti se jsiru fuq bażi volontarja wara li tkun tressqet applikazzjoni ta' sejħa ta' interess, li tistabbilixxi r-rekwiżiti relevanti għall-esperjenza akkademika u professjonali,
 - Ġiet stabbilita kooperazzjoni politika, li l-għan tagħha hu li jsaħħaħ ir-rwol demokratiku u l-missjoni ta' kontroll tat-tliet istituzzjonijiet fl-implimentazzjoni tal-mandati li ġew fdati lillhom rispettivament mit-Trattat ta' Lisbona,
 - Ġiet stabbilita kooperazzjoni amministrattiva, sabiex tiġġenera tfaddil permezz tat-tisħiħ tal-appoġġ tal-persunal fil-missjonijiet politiċi essenzjali, sinerġiji fil-qasam tas-sigurtà u l-aċċess fil-bini, in-nomina tal-Parlament bħala fornitur standard tas-servizzi ta' interpretazzjoni, it-titjib tal-kooperazzjoni fir-rigward tal-użu tas-swala ta' laqgħa, kooperazzjoni fil-qasam tal-informatika, u finalment aċċess reċiproku fil-kantins.
- iii. Tiġi esplorata l-idea li jiġu offruti kapaċitajiet ta' interpretazzjoni lill-istituzzjonijiet l-oħra fi żminijiet mhux kritiċi – Il-ftehim li għandu jiġi ffirmat maż-żewġ Kumitati konsultanti jipprevedi li l-Parlament ikun jista' jiżviluppa f'fornitur standard għall-interpretazzjoni ta' dawn iż-żewġ Kumitati. Qegħdin jitħejjew ftehimiet ta' kooperazzjoni ma' istituzzjonijiet oħra.

⁽¹⁾ Il-ftehim ta' kooperazzjoni ġie ffirmat bejn it-tliet istituzzjonijiet fi Frar 2014.

- iv. Tiġi esplorata l-possibbiltà ta' esternalizzazzjoni sħiħa tal-pagamenti lill-uffiċċju tal-PMO – il-Grupp ta' Ħidma ppropona s-sostituzzjoni ta' Streamline, is-sistema prinċipali tal-ġestjoni tar-riżorsi umani fil-Parlament, minn Sysper2, is-sistema użata minn kważi l-Istituzzjonijiet Ewropej kollha. Din is-sostituzzjoni se tikkostitwixxi miżura addizzjonali ta' kooperazzjoni interistituzzjonali u se tippermetti lill-amministrazzjoni tal-persunal biex tikkonċentra fuq il-kompiti ċentrali tagħha u taħli anqas riżorsi permezz tal-iżvilupp ta' sinerġiji u ekonomiji ta' skala.
- v. Preparamenti għal struttura aktar effiċjenti tar-ritmu ta' ħidma tal-Parlament – Proposti għal struttura aktar effiċjenti tar-ritmu ta' ħidma tal-Parlament ġew żviluppati mill-Grupp ta' Ħidma Konġunt. Il-proposti li huma f'idejn il-kompetenza tal-Konferenza tal-Presidenti ġew trażmessi lil dan il-korp kif ukoll lill-Gruppi Politiċi.
- vi. Preparamenti għal Parlament mingħajr karti kull meta jkun possibbli, permezz tal-aħjar prattiki u l-implimentazzjoni sħiħa tal-proġett emeeting – Il-Grupp ta' Ħidma kkunsidra wkoll il-kwistjoni ta' żvilupp lejn Parlament "mingħajr karti". Il-Bureau għalhekk seta' jiddeċiedi li jadotta, b'mod ġenerali, prattiki tajba "mingħajr karti" fil-Kumitati għall-Ambjent u għar-relazzjonijiet Internazzjonali, maħsuba biex inaqqsu n-numru ta' dokumenti ta' ħidma mqasma f'format tal-karti u biex jitqassmu l-Minuti f'format elettroniku biss. It-tfaddil annwali korrispondenti miksub se jkun ta' 21,5 miljun karta u ta' EUR 648 000 kull sena. Din il-miżura se tippermetti wkoll li tnaqqas il-marka tal-karbonju b'73 tunnellata fis-sena.
- vii. Tiġi żviluppata sistema ta' interpretazzjoni fuq talba għal laqgħat għajr il-Plenarja – Il-Parlament elett ġdid se jkollu janalizza l-ħtiġijiet reali tiegħu fl-interpretazzjoni u jista' jressaq proposti ġodda għal użu aktar effiċjenti tal-kapaċitajiet tiegħu ta' interpretazzjoni interni u esterni.

E.3. Ġestjoni tar-riżorsi umani

- 145. Il-preparamenti relatati mal-implimentazzjoni tad-dispożizzjonijiet tar-Regolamenti tal-Persunal twettqu matul is-sena kollha tal-2013. Id-dispożizzjonijiet il-ġodda kważi kollha japplikaw mill-1 ta' Jannar 2014, ir-reviżjoni tar-regoli eżistenti, ta' ċerti proċeduri kif ukoll tas-sistemi tal-informatika saret fi żmien qasir ħafna. Dawn ix-xogħlijiet (speċjalment l-adozzjoni tal-qafas leġislativ kif ukoll ix-xogħlijiet tal-informatika) se jkomplu parzjalment fl-2014 għall-oqsma meqjusa mhux prijoritarji fl-2013.
- 146. Madankollu, minħabba l-preparazzjoni għall-bidla tal-leġislatura, ittieħdu miżuri biex tiġi organizzata l-ġestjoni tat-tmien tal-kuntratti ta' madwar 1 700 assistent parlamentari akkreditat (APAs), l-akkumpanjament ta' dawn l-aġenti fil-proċeduri amministrattivi tagħhom u l-integrazzjoni ta' diversi mijiet ta' APAs ġodda, u l-akkumpanjament ta' dawn il-proċeduri li għandhom jitwettqu minn gruppi politiċi jekk ir-riżultati tal-elezzjonijiet Ewropej tal-2014 se jġibu magħhom modifiki sinifikanti fil-kompożizzjoni tas-segretarjati ta' diversi gruppi. Barra minn hekk, ġiet stabbilita pjattaforma għall-upload ta' dokumenti APA-People, kif ukoll servizzi "Tluq" u "Wasla" li jkunu disponibbli matul perjodu twil biex jagħtu appoġġ aħjar lill-assistenti parlamentari u lill-persunal tal-gruppi politiċi fil-proċeduri amministrattivi tagħhom.

E.4. Ġestjoni tad-dokumenti u tal-arkivji

- 147. Waqt il-laqgħa tiegħu tat-2 ta' Lulju 2012, il-Bureau adotta l-mudell il-ġdid ta' ġestjoni tad-dokumenti u tal-arkivji. Dan il-mudell jibbaża fuq l-identifikazzjoni tad-diversi stadji fil-perjodu tal-ħajja ta' dawn id-dokumenti u fuq ġestjoni xierqa taċ-ċiklu kollu. Huwa jippermetti wkoll lill-Parlament li jikkonforma aktar faċilment mar-regoli li jirregolaw l-aċċess tal-pubbliku għad-dokumenti.
- 148. Id-dispożizzjonijiet ta' implimentazzjoni tar-regoli dwar il-ġestjoni tad-dokumenti ġew ippreparati. Waqt il-laqgħa tiegħu tal-15 ta' April 2013, il-Bureau approva d-deċiżjoni dwar it-trattament ta' dokumenti kunfidenzjali fi ħdan il-PE u adotta fl-10 ta' Ġunju 2013 ir-rapport annwali dwar il-ġestjoni ta' dokumenti klassifikati. Il-Kunsill ta l-approvazzjoni tiegħu għall-aspetti tekniċi relatati max-xogħlijiet li għandhom jitwettqu biex tinholq kamra tal-qari sikura li illum hija operattiva.

F. Żvilupp tal-istruttura kollha tas-Segretarjat Ġenerali (gruppi politiċi inklużi)

- 149. B'total, inħolqu 59 kariga ġdida fl-2013 sabiex ikopru l-ħtiġijiet kbar miġbura fil-qosor hawn taħt:

Internalizzazzjoni tas-servizzi marbuta mal-ICT (Teknoloġiji tal-Infommazzjoni u tal-Komunikazzjoni):

30 kariga

Implimentazzjoni ta' proġetti tal-proprjetà immobbli, speċjalment il-kostruzzjoni tal-bini KAD u proġetti oħra attwali:	15-il kariga
Tisħiħ tad-DĠ COMM (Direttorat għar-Riżorsi u Uffiċċju ta' Informazzjoni f'Ċipru):	5 karigi
Tisħiħ tal-Kumitat REGI:	5 karigi
Tisħiħ tad-DĠ PRES:	3 karigi
Kariga temporanja għas-segretarjat tal-Membri mhux affiljati:	1 kariga

150. Il-modifiki prinċipali li saru fl-organigramma u fil-ġestjoni tal-Parlament huma miġbura fil-qosor hawn taħt.

Tabella 11

Sommarju tar-ristrutturar tas-Segretarjat Ġenerali fl-2013

Direttorat Ġenerali	Ristrutturar u modernizzazzjoni
DĠ PRES Presidenza	<p>Imtlew erba' karigi ta' Kapijiet ta' Unità, jiġifieri dawk tal-"Unità tal-Amministrazzjoni tal-Membri" u "l-Unità tal-Infommazzjoni klassifikata" (DIR F) u, fl-1 ta' Diċembru 2013, tal-"Unità tal-Politiki Strutturali u ta' Koeżjoni" u tal-"Unità tal-Politika Ekonomika u Xjentifika" (ex-DIR C/DG EPRS). Il-karigi kollha ta' maniġment superjuri u intermedji huma issa meħudin ħliet għall-kariga ta' Kap ta' Unità li għadha vakanti fl-"Unità tal-Istrateġija u l-Koordinazzjoni" (DIR C/DG EPRS).</p> <p>Fl-20 ta' Mejju 2013, il-Bureau ddeċieda rioorganizzazzjoni tal-istruttura tas-Segretarjat Ġenerali li tippredvi, b'mod speċjali, il-ħolqien ta' funzjoni ta' Viċi Segretarju Ġenerali indipendenti tad-DĠ PRES, il-ħolqien ta' DĠ EPRS u l-ħolqien ta' DĠ tas-Sigurtà. Iż-żewġ DĠ EPRS u SAFE ġew stabbiliti rispettivament fl-1 ta' Novembru 2013 u fl-1 ta' Diċembru 2013. Madankollu, is-separazzjoni tal-funzjoni tal-Viċi Segretarju Ġenerali tad-DĠ PRES se ssir operattiva biss fl-ewwel nofs tal-2014.</p>
DĠ IPOL Politiki Interni	<p>Wara 18-il xahar xogħol, il-mandat tal-Kumitat Speċjali dwar il-Kriminalità Organizzata, il-Korruzzjoni u l-Ħasil tal-Flus (CRIM) intemm b'votazzjoni plenarja fit-23 ta' ottubru 2013 u s-segretarjat ġie xolt.</p> <p>Fl-2013 kien hemm ukoll id-diviżjoni tad-Direttorat G għall-Valutazzjoni tal-Impatt u tal-Valur Miżjud Ewropew mid-DĠ IPOL u l-għaqda tiegħu mal-Librerija biex jiffurmaw id-DĠ EPRS ġdid.</p> <p>Id-Direttorat G għall-Valutazzjoni tal-Impatt u tal-Valur Miżjud Ewropew (li issa huwa parti mid-DĠ EPRS ġdid) sar operattiv bis-sħiħ u ġiet stabbilita unità addizzjonali għall-evalwazzjoni tal-impatt ex-post biex tikkonsolida aktar l-kapaċità tal-opinjoni tal-esperti tal-Parlament.</p>
DĠ EPRS Servizzi ta' Riċerka Par- lamentari	Id-DĠ EPRS ġiet stabbilita fl-1 ta' Novembru 2013 (ara hawn fuq DĠ PRES u DĠ IPOL).
DĠ COMM Komunikazzjoni	<p>Inħolqot unità ġdida "Appoġġ għall-EPIOs" fid-DIR B biex tgħin lid-Direttur fl-immaniġġjar tar-riżorsi umani tal-EPIOs.</p> <p>Wara deċiżjoni tal-grupp ta' Ħidma, il-funzjoni tal-Maniġer tal-Komunità ġiet introdotta f'kull EPIO sabiex iżżid il-presenza tal-PE fil-midja soċjali f'kull Stat Membru.</p>
DĠ INLO Infrastrutturi u Loġistika	<p>Fl-1 ta' Jannar 2013, l-Unità tal-Uxxiera ġiet diviża f'żewġ unitajiet separati (Unità tal-Messaġġiera u Unità tal-Uxxiera tal-Konferenzi).</p> <p>Il-proġett tal-One Stop Shop ġie ppreparat b'mod attiv matul is-sena finanzjarja tal-2013. Dan is-servizz se jiġi stabbilit fil-bidu tal-2014 bl-għan li jkun operattiv bis-sħiħ wara l-elezzjonijiet. Il-karigi f'din l-unità l-ġdida saru disponibbli permezz tar-riallokazzjoni interna fi ħdan id-Direttorat.</p>

Direttorat Ġenerali	Ristrutturar u modernizzazzjoni
DĠ TRAD Traduzzjoni	<p>F'Diċembru 2013, ġie deċiż li l-kompiti kollha relatati mal-kwalità jiġu trasferiti mis-servizz tal-Kwalità tal-Unità tal-Ippjanar għall-Unità tal-Multilingwiżmu u r-Relazzjonijiet Esterni sa mill-1 ta' Jannar 2014, u b'hekk jiġi żgurat punt uniku ta' kuntatt għall-kwistjonijiet kollha relatati mal-kwalità. Il-konċentrazzjoni ta' dawn l-attivitajiet f'unità waħda se tiggarrantixxi servizz aktar effiċjenti u tippermetti integrazzjoni aħjar tal-feedback tal-klijenti fl-inizjattivi tal-kwalità meħuda mill-koordinaturi tal-Kwalità.</p> <p>Bidla importanti li saret fl-2013 hija li l-Unità Kroata issa għandha 5 tradutturi uffiċjali, 21 aġent temporanju u aġent kuntrattwali u 10 assistenti temporanji. Intervisti ta' reklutaġġ tal-kandidati li għadew mil-lista ta' riserva għadhom għaddejjin u qed issir it-tieni kompetizzjoni. Il-ħatriet tal-Kap ta' Unità u l-koordinatur tal-Kwalità qed isiru bħalissa.</p>
DĠ INTE Interpretazzjoni	<p>L-Unità tal-E-learning, li nħolqot f'Awwissu 2012 hija issa operattiva bis-sħiħ u l-Kap ta' Unità nħatar u se jibda d-dmirijiet tiegħu mill-bidu tal-2014. (Matul l-2013, il-Kap tal-Unità tal-Multilingwiżmu kien l-aġent kap tal-E-learning).</p>
DĠ ITEC Innovazzjoni u appoġġ teknoloġiku	<p>Is-sena 2013 kienet ikkaratterizzata mir-riorganizzazzjoni kontinwa tad-Direttorat – A – Teknoloġiji tal-Infommazzjoni.</p> <p>Ristrutturar maħsub biex jissepara l-attivitajiet ta' ġestjoni tat-tagħmir mill-attivitajiet ta' ġestjoni tal-infrastrutturi ta' komunikazzjoni daħal fis-seħħ fix-xahar ta' Ottubru 2013 u ġie stabbilit gradwalment matul l-aħħar trimestru tal-2013.</p> <p>Ġew reklutati u nħatar erba' kapijiet ta' unità.</p> <p>L-implimentazzjoni tal-eżerċizzju ta' internalizzazzjoni beda bil-ħolqien ta' 30 kariga addizzjonali mill-2013 u t-tnaqqis tal-konsulenti <i>intra-muros</i>: fl-2013 imtlew 60 % tal-karigi ġodda u d-DĠ ITEC se jkollha, għall-maġġoranza tal-karigi l-oħra, tuża sorsi oħra ta' persunal (listi ta' riserva ġodda, aġenti temporanji) biex timla l-kumpliment tal-karigi.</p>
DĠ SAFE Sikurezza	<p>Id-DĠ SAFE ġiet stabbilita fl-1 ta' Diċembru 2013 (ara hawn fuq DĠ PRES).</p>

ANNEX I

RENDIKONT TAT-TRASFERIMENTI C MATUL IS-SENA FINANZJARJA 2013

(EUR)

Nru	Mill-/Għall-Kapitolu/Artikolu/Partita	Intestatura	Ammont trasferit 'il ġewwa	Ammont trasferit 'il barra
C1	mill-partita	10 8	Riżerva tal-EMAS	- 1 000 000
	għall-Kapitolu	2 1	PROĊESSAR TA' DEJTA, TAGĦMIR U GĦAMARA	
	għall-partiti	2 1 0 0	Tagħmir u softwer għat-teknoloġiji tal-informatika u tal-innovazzjoni	100 000
		2 1 0 2	Assistenza esterna għat-teknoloġiji tal-informatika u tal-innovazzjoni	200 000
		2 1 4 0	Materjal u installazzjonijiet tekniċi	250 000
		2 1 6 0	Vetturi	420 000
	għall-Kapitolu	3 2	OPINJONI TAL-ESPERTI U INFORMAZZJONI: AKKWISTAR, ARKIVJAR, PRODUZZJONI U DISSEMINAZZJONI	
għall-partita	3 2 0 0	l-opinjoni tal- esperti	30 000	
C3	mill-partita	1 2 0 0	Rimunerazzjoni u allowances	- 110 000
	għall-Kapitolu	1 2	UFFIĊJALI U PERSUNAL TEMPORANJU	
	għall-partita	1 2 2 0	Allowance fil-każ ta' irtirar kmieni mix-xogħol fl-interess tas-servizz	110 000
C4	mill-partita	1 4 0 2	Interpreti għall-konferenzi	- 1 734 000
	għall-Kapitolu	3 2	OPINJONI TAL-ESPERTI U INFORMAZZJONI: AKKWISTAR, ARKIVJAR, PRODUZZJONI U DISSEMINAZZJONI	
	għall-partita	3 2 4 2	Nefqiet għall-pubblikazzjoni, it-tagħrif u l-parteċipazzjoni f'manifestazzjonijiet pubbliċi	1 734 000
C5	mill-partita	1 4 2 0	Servizzi esterni	- 150 000
	għall-Kapitolu	3 2	OPINJONI TAL-ESPERTI U INFORMAZZJONI: AKKWISTAR, ARKIVJAR, PRODUZZJONI U DISSEMINAZZJONI	
	għall-partita	3 2 4 1	Pubblikazzjonijiet diġitali u tradizzjonali	150 000
C7	mill-Kapitolu	10 1	RIŻERVA TA' KONTINĠENZA	- 1 760 000
	għall-Kapitolu	2 1	PROĊESSAR TA' DEJTA, TAGĦMIR U GĦAMARA	
	għall-partita	2 1 0 0	Tagħmir u softwer għat-teknoloġiji tal-informatika u tal-innovazzjoni	1 760 000

(EUR)					
Nru	Mill-/Għall-Kapitolu/Artikolu/Partita		Intestatura	Ammont trasferit 'il ġewwa	Ammont trasferit 'il barra
C8	mill-partita	2 3 5 0	It-telekomunikazzjoni		- 1 500 000
	għall-Kapitolu	2 1	PROĊESSAR TA' DEJTA, TAGĦMIR U GĦAMARA		
	għall-partita	2 1 0 0	Tagħmir u softwer għat-teknoloġiji tal-informatika u tal-innovazzjoni	940 000	
	għall-partita	2 1 0 2	Assistenza esterna għat-teknoloġiji tal-informatika u tal-innovazzjoni	560 000	
C9	mill-partita	1 0 0 6	Allowance għan-nefqa ġenerali		- 128 650
	mill-partita	1 0 1 0	Polza ta' assikurazzjoni kontra l-inċidenti, il-mard u ħlasijiet oħra tas-sigurtà soċjali		- 321 350
	mill-partita	1 0 1 2	Miżuri speċifiċi għall-assistenza lill-Membri b'diżabilità		- 130 000
	mill-partita	1 0 2 0	Allowances Tranżitorji		- 500 000
	mill-partita	1 0 3 1	Pensjonijiet tad-diżabilità		- 20 000
	mill-partita	3 0 0 0	Nefqiet għall-missjonijiet tal-istaff u vjaġġar fuq xogħol bejn it-tliet postijiet ta' xogħol		- 1 600 000
	għall-Kapitolu	1 0	MEMBRI TAL-ISTITUZZJONI		
	għall-partita	1 0 0 5	Spejjeż oħra għall-vjaġġi	1 100 000	
	għall-partita	1 0 3 0	Pensjonijiet tal-irtirar	1 600 000	
C10	mill-Kapitolu	10 1	RIŻERVA TA' KONTINĠENZA		- 6 074 000
	għall-Kapitolu	4 2	NEFQA RELATATA MAL-ASSISTENZA PARLAMENTARI		
	għall-partita	4 2 2 0	Assistenza parlamentari	6 074 000	
C11	mill-partita	1 0 2 0	Allowances Tranżitorji		- 60 000
	għall-Kapitolu	1 0	MEMBRI TAL-ISTITUZZJONI		
	għall-partita	1 0 5 0	Korsijiet tal-lingwa u tal-ipproċessar tad-data	60 000	

					(EUR)
Nru	Mill-/Għall-Kapitolu/Artikolu/Partita		Intestatura	Ammont trasferit 'il ġewwa	Ammont trasferit 'il barra
C12	mill-Kapitolu	1 0	MEMBRI TAL-ISTITUZZJONI		- 2 211 500
	mill-Kapitolu	1 2	UFFIĊJALI U PERSUNAL TEMPORANJU		- 7 800 000
	mill-Kapitolu	1 4	PERSUNAL IEĦOR U SERVIZZI ESTERNI		- 7 476 000
	mill-Kapitolu	1 6	INFIQ IEĦOR RELATAT MAL-PERSUNI LI JAHD MU FL-ISTITUZZJONI		- 968 600
	mill-Kapitolu	2 0	BINI U NEFQIET RELATATI		- 12 983 900
	mill-Kapitolu	2 1	PROĊESSAR TA' DEJTA, TAGĦMIR U GĦAMARA		- 351 800
	mill-Kapitolu	2 3	IN-NEFQA AMMINISTRATTIVA KURRENTI		- 2 043 500
	mill-Kapitolu	3 0	LAQGĦAT U KONFERENZI		- 762 000
	mill-Kapitolu	3 2	OPINJONI TAL-ESPERTI U INFORMAZZJONI: AKKWISTAR, ARKIVJAR, PRODUZZJONI U DISSEMINAZZJONI		- 2 667 935
	mill-Kapitolu	4 0	NEFQA RELATATA MA' ĊERTI ISTITUZZJONIJET U MA' ĊERTI KORPI		- 256 000
	mill-Kapitolu	4 2	NEFQA RELATATA MAL-ASSISTENZA PARLAMENTARI		- 2 400 000
	mill-Kapitolu	10	INFIQ IEĦOR		- 14 078 765
	għall-partita	2 0 0 1	Ħlasijiet ta' ċnus	54 000 000	
TOTAL tal-ammonti trasferiti tat-tip C				69 088 000	- 69 088 000

ANNEX II

RENDIKONT TAT-TRASFERIMENTI P MATUL IS-SENA FINANZJARJA 2013

(EUR)

Nru	Kapitolu/Artikolu/Partita	Ammont trasferit 'il ġewwa	Ammont trasferit 'il barra
P1	<u>Taħt l-Artikolu 4 2 2</u>		
	mill-partita 4 2 2 0 Assistenza parlamentari		- 500 000
	għall-partita 4 2 2 2 Telf mill-kambju	500 000	
P2	<u>Taħt l-Artikolu 2 0 0</u>		
	mill-partita 2 0 0 1 Ħlasijiet ta' ċnus		- 900 000
	għall-partita 2 0 0 5 Il-kostruzzjoni ta' bini	900 000	
P3	<u>Taħt l-Artikolu 1 4 2</u>		
	mill-partita 1 4 2 0 Servizzi esterni		- 34 000
	għall-partita 1 4 2 2 Attivitajiet ta' kooperazzjoni interistituzzjonali fil-qasam lingwistiku	34 000	
P4	<u>Taħt l-Artikolu 3 2 4</u>		
	mill-partita 3 2 4 9 Skambji ta' informazzjoni mal-Parlamenti nazzjonali		- 100 000
	għall-partita 3 2 4 5 Organizzazzjoni ta' symposia, seminars u attivitajiet kulturali	100 000	
P5	<u>Taħt l-Artikolu 2 1 0</u>		
	mill-partita 2 1 0 0 Tagħmir u softwer għat-teknoloġiji tal-informatika u tal-innovazzjoni		- 4 829 500
	għall-partita 2 1 0 2 Assistenza esterna għat-teknoloġiji tal-informatika u tal-innovazzjoni	4 829 500	

				(EUR)		
Nru	Kapitolu/Artikolu/Partita			Ammont trasferit 'il ġewwa	Ammont trasferit 'il barra	
P6	<u>Taħt l-Artikolu 1 6 5</u>					
	mill-partita	1 6 5 4	Ċentru għat-tfal żgħar u skejjel materni approvati		- 300 000	
	għall-partita	1 6 5 2	Nefqiet kurrenti għall-operat amministrattiv tar-ristoranti u l-kantins	300 000		
	<u>Taħt l-Artikolu 3 0 4</u>					
	mill-partita	3 0 4 3	Nefqiet varji għall-organizzazzjoni ta' assemblej parlamentari, delegazzjonijiet interparlamentari u delegazzjonijiet oħra		- 115 000	
	għall-partita	3 0 4 0	Nefqiet varji għal laqgħat interni	115 000		
	<u>Taħt l-Artikolu 3 2 4</u>					
	mill-partita	3 2 4 7	Id-Dar tal-Istorja Ewropea		- 85 000	
	mill-partita	3 2 4 9	Skambji ta' informazzjoni mal-Parlamenti nazzjonali		- 15 000	
	għall-partita	3 2 4 2	Nefqiet għall-pubblikazzjoni, it-tagħrif u l-parteċipazzjoni fmanifestazzjonijiet pubbliċi	100 000		
	P7	<u>Taħt l-Artikolu 1 4 2</u>				
		mill-partita	1 4 2 0	Servizzi esterni		- 220 000
	għall-partita	1 4 2 2	Attivitajiet ta' kooperazzjoni interistituzzjonali fil-qasam lingwistiku	220 000		
P8	<u>Taħt l-Artikolu 3 2 4</u>					
	mill-partita	3 2 4 7	Id-Dar tal-Istorja Ewropea		- 500 000	
	għall-partita	3 2 4 8	In-nefqa għall-informazzjoni awdjoviżiva	500 000		
P9	<u>Taħt l-Artikolu 3 2 4</u>					
	mill-partita	3 2 4 7	Id-Dar tal-Istorja Ewropea		- 2 000 000	
	għall-partita	3 2 4 4	Organizzazzjoni u l-ospitalità ta' gruppi ta' viżitaturi, il-programm Euroscola u stedinet għall-multiplikaturi tal-opinjoni minn pajjiżi terzi	2 000 000		
P10	<u>Taħt l-Artikolu 4 2 2</u>					
	mill-partita	4 2 2 2	Telf mill-kambju		- 200 000	
	għall-partita	4 2 2 0	Assistenza parlamentari	200 000		
Total tal-ammonti trasferiti permezz tat-trasferiment P				9 798 500	- 9 798 500	

ANNEX III

IMPLIMENTAZZJONI TAL-APPROPRJAZZJONIJIET 2013

(EUR)

Partita	Intestatura	Approprjazzjonijiet inizjali	Trasferimenti	Approprjazzjonijiet finali	Impenji	użu
1 0 0 0	Salarji	71 393 074	- 1 800 000	69 593 074	69 543 044	99,9 %
1 0 0 4	Spejjeż għall-vjaġġi regolari	72 343 140	0	72 343 140	72 343 140	100,0 %
1 0 0 5	Spejjeż oħra għall-vjaġġi	5 054 639	1 100 000	6 154 639	6 154 639	100,0 %
1 0 0 6	Allowance għan-nefqa ġenerali	39 388 525	- 268 650	39 119 875	39 090 705	99,9 %
1 0 0 7	Allowances għat-twettiq tad-dmirijiet	184 000	- 7 390	176 610	173 610	98,3 %
1 0 1 0	Polza ta' assikurazzjoni kontra l-inċidenti, il-mard u ħlasijiet oħra tas-sigurtà soċjali	2 769 000	- 527 460	2 241 540	2 215 739	98,8 %
1 0 1 2	Miżuri speċifiċi għall-assistenza lill-Membri b'diżabilità	384 000	- 130 000	254 000	209 017	82,3 %
1 0 2 0	Allowances Tranżitorji	800 000	- 560 000	240 000	183 008	76,3 %
1 0 3 0	Pensjonijiet tal-irtirar	10 818 000	1 600 000	12 418 000	11 941 558	96,2 %
1 0 3 1	Pensjonijiet tad-diżabilità	395 000	- 78 000	317 000	278 102	87,7 %
1 0 3 2	Pensjonijiet tar-romol	2 820 000	0	2 820 000	2 692 561	95,5 %
1 0 3 3	Skemi ta' pensjonijiet volontarji għall-Membri	31 000	0	31 000	29 327	94,6 %
1 0 5 0	Korsijiet tal-lingwa u tal-ip-proċessar tad-data	500 000	60 000	560 000	560 000	100,0 %
1 0 9 0	Approprjazzjoni proviżorja	0	0	0	0	—
1 2 0 0	Remunerazzjoni u Allowances	577 124 909	- 6 410 000	570 714 909	570 669 888	100,0 %
1 2 0 2	Sahra mħallsa	400 000	- 200 000	200 000	200 000	100,0 %
1 2 0 4	Drittijiet marbuta mad-dhul fis-servizz, it-trasferimenti jew it-tluq mis-servizz	4 460 000	- 1 300 000	3 160 000	3 160 000	100,0 %
1 2 2 0	Allowance fil-każ ta' irtirar kmieni mix-xogħol fl-interess tas-servizz	391 400	110 000	501 400	462 019	92,1 %

(EUR)

Partita	Intestatura	Approprjazzjonijiet inizjali	Trasferimenti	Approprjazzjonijiet finali	Impenji	użu
1 2 2 2	Allowances għal staff li l-impjeg tagħhom jitwaqqaf u skema speċjali għall-irtirar għall-uffiċjali u aġenti temporanji	552 000	0	552 000	507 442	91,9 %
1 2 4	Approprjazzjoni proviżorja	0	0	0	0	—
1 4 0 0	Aġenti oħra	38 578 161	- 1 200 000	37 378 161	37 296 239	99,8 %
1 4 0 2	Interpreti għall-konferenzi	53 000 000	- 3 400 000	49 600 000	49 599 377	100,0 %
1 4 0 4	Apprentistati, għotjiet u skambji ta' uffiċjali	8 097 950	- 1 455 000	6 642 950	6 444 637	97,0 %
1 4 0 6	L-osservaturi	447 449	- 135 000	312 449	312 000	99,9 %
1 4 2 0	Servizzi esterni	15 800 000	- 3 424 000	12 376 000	11 904 661	96,2 %
1 4 2 2	Attivitajiet ta' kooperazzjoni interistituzzjonali fil-qasam lingwistiku	374 000	254 000	628 000	625 189	99,6 %
1 4 4	Approprjazzjoni proviżorja	0	0	0	0	—
1 6 1 0	Spejjeż għar-reklutaġġ	378 850	- 75 000	303 850	303 850	100,0 %
1 6 1 2	Taħriġ Ulterjuri	4 850 000	0	4 850 000	4 682 180	96,5 %
1 6 3 0	Servizzi soċjali	718 000	- 75 000	643 000	607 907	94,5 %
1 6 3 1	Mobilità	1 000 000	- 100 000	900 000	727 372	80,8 %
1 6 3 2	Relazzjonijiet soċjali bejn il-membri tal-persunal u miżuri soċjali oħra	305 000	0	305 000	298 817	98,0 %
1 6 5 0	Servizz mediku	1 285 000	- 178 600	1 106 400	1 106 111	100,0 %
1 6 5 2	Nefqiet kurrenti għall-operat amministrattiv tar-ristoranti u l-kantins	3 960 000	300 000	4 260 000	4 260 000	100,0 %
1 6 5 4	Ċentru għat-tfal zġġir u skejjel materni approvati	6 683 000	- 840 000	5 843 000	5 843 000	100,0 %
2 0 0 0	Kirjiet	33 032 000	- 1 248 900	31 783 100	31 684 764	99,7 %
2 0 0 1	Ħlasijiet ta' ċnus	16 141 000	53 100 000	69 241 000	69 236 000	100,0 %
2 0 0 3	Akkwist ta' bini	0	0	0	0	—

(EUR)

Partita	Intestatura	Approprijazzjonijiet inizjali	Trasferimenti	Approprijazzjonijiet finali	Impenji	użu
2 0 0 5	Il-kostruzzjoni ta' bini	7 213 000	900 000	8 113 000	8 065 316	99,4 %
2 0 0 7	Sistemazzjoni fil-bini:	39 459 000	- 2 550 000	36 909 000	36 326 338	98,4 %
2 0 0 8	Ġestjoni tal-proprjetà speċifika	4 210 000	- 455 000	3 755 000	3 434 255	91,5 %
2 0 2 2	Manutenzjoni, żamma, operat u tindif tal-bini	57 264 000	- 3 910 000	53 354 000	51 891 984	97,3 %
2 0 2 4	Konsum tal-enerġija	18 975 000	- 400 000	18 575 000	17 786 997	95,8 %
2 0 2 6	Sigurtà u sorveljanza tal-bini	36 043 268	- 4 320 000	31 723 268	31 097 983	98,0 %
2 0 2 8	Assikurazzjoni	991 000	- 100 000	891 000	812 974	91,2 %
2 1 0 0	Tagħmir u softwer għat-teknoloġiji tal-informatika u tal-innovazzjoni	33 016 000	- 2 068 100	30 947 900	30 792 197	99,5 %
2 1 0 2	Assistenza esterna għat-teknoloġiji tal-informatika u tal-innovazzjoni	67 651 088	5 586 300	73 237 388	72 984 023	99,7 %
2 1 2 0	Għamara	3 232 500	- 50 000	3 182 500	3 090 732	97,1 %
2 1 4 0	Materjal u installazzjonijiet tekniċi	19 585 000	- 10 000	19 575 000	19 109 021	97,6 %
2 1 6 0	Vetturi	6 068 000	420 000	6 488 000	5 829 931	89,9 %
2 3 0 0	Kancellarja, provvisti għall-uffiċċju u oġġetti għall-konsum diversi	2 339 500	0	2 339 500	2 292 797	98,0 %
2 3 1 0	Tariffi finanzjarji	75 000	- 38 000	37 000	16 500	44,6 %
2 3 2 0	Spejjeż legali u ħsarat	1 714 000	- 610 000	1 104 000	956 160	86,6 %
2 3 5 0	It-telekomunikazzjoni	7 421 000	- 1 500 000	5 921 000	4 670 510	78,9 %
2 3 6 0	Servizzi postali u ta' ġarr	357 000	- 20 000	337 000	236 631	70,2 %
2 3 7 0	Rilokazzjonijiet	1 100 000	- 330 400	769 600	731 303	95,0 %
2 3 8 0	Nefqiet amministrattivi oħra	661 500	0	661 500	626 298	94,7 %

(EUR)

Partita	Intestatura	Approprjazzjonijiet inizjali	Trasferimenti	Approprjazzjonijiet finali	Impenji	użu
2 3 9	Skema tal-Parlament Ewropew ta' kumpens għall-emissjonijiet tal-karbonju	1 064 000	- 1 045 100	18 900	17 823	94,3 %
3 0 0 0	Nefqiet għall-missjonijiet tal-istaff u vjaġġar fuq xogħol bejn it-tliet postijiet ta' xogħol	27 616 000	- 1 600 000	26 016 000	25 725 512	98,9 %
3 0 2 0	Nefqiet għad-divertiment u għar-rappreżentazzjoni	1 361 350	- 216 000	1 145 350	885 621	77,3 %
3 0 4 0	Nefqiet varji għal laqgħat interni	2 600 000	115 000	2 715 000	2 715 000	100,0 %
3 0 4 2	Laqgħat, kongressi u konferenzi	1 405 000	- 345 000	1 060 000	816 577	77,0 %
3 0 4 3	Nefqiet varji għall-organizzazzjoni ta' assemblej parlamentari, delegazzjonijiet interparlamentari u delegazzjonijiet oħra	1 473 000	- 260 000	1 213 000	605 103	49,9 %
3 0 4 9	Nefqa għall-aġenziji tal-ivjaġġar	2 124 660	- 56 000	2 068 660	2 068 660	100,0 %
3 2 0 0	L-opinjoni tal- esperti	11 530 000	- 1 568 335	9 961 665	9 086 345	91,2 %
3 2 2 0	Nefqa għad-dokumentazzjoni u għal-librerija	4 927 111	- 501 600	4 425 511	4 302 893	97,2 %
3 2 2 2	Nefqiet għall-arkivjar	1 965 000	0	1 965 000	1 933 710	98,4 %
3 2 3	Relazzjonijiet mal-parlamenti ta' pajjiżi terzi u appoġġ għad-demokrazija parlamentari	750 000	- 100 000	650 000	413 470	63,6 %
3 2 4 0	Il-Ġurnal Uffiċjali	4 000 000	0	4 000 000	3 999 500	100,0 %
3 2 4 1	Pubblikazzjonijiet diġitali u tradizzjonali	5 175 000	150 000	5 325 000	5 241 324	98,4 %
3 2 4 2	Nefqiet għall-pubblikazzjoni, it-tagħrif u l-parteċipazzjoni f'manifestazzjonijiet pubbliċi	23 755 900	1 834 000	25 589 900	25 453 635	99,5 %
3 2 4 3	Parlamentarium – Iċ-Ċentru għall-Viżitaturi tal-Parlament Ewropew	3 916 000	0	3 916 000	3 844 123	98,2 %

						(EUR)
Partita	Intestatura	Appropriazzjonijiet inizjali	Trasferimenti	Appropriazzjonijiet finali	Impenji	użu
3 2 4 4	Organizzazzjoni u l-ospitalità ta' gruppi ta' viżitaturi, il-programm Euroscola u stedniet għall-multiplikaturi tal-opinjoni minn pajjiżi terzi	29 996 000	2 000 000	31 996 000	31 667 743	99,0 %
3 2 4 5	Organizzazzjoni ta' symposia, seminars u attivitajiet kulturali	6 830 300	85 000	6 915 300	6 721 656	97,2 %
3 2 4 6	L-istazzjon televiżiv Parlamentari (Web TV)	8 000 000	0	8 000 000	7 999 400	100,0 %
3 2 4 7	Id-Dar tal-Istorja Ewropea	6 400 000	- 3 038 000	3 362 000	3 360 695	100,0 %
3 2 4 8	In-nefqa għall-informazzjoni awdjoviżiva	20 133 700	500 000	20 633 700	20 533 306	99,5 %
3 2 4 9	Skambji ta' informazzjoni mal-Parlamenti nazzjonali	475 000	- 115 000	360 000	283 329	78,7 %
3 2 5	In-Nefqa relatata mal-Uffiċċji tal-Infommazzjoni	1 100 000	0	1 100 000	830 902	75,5 %
4 0 0 0	Nefqa amministrattiva kurrenti u nefqa marbuta mal-attivitajiet politiċi ta' informazzjoni tal-gruppi politiċi u tal-Membri mhux affiljati	58 750 000	- 48 000	58 702 000	58 697 494	100,0 %
4 0 2 0	Finanzjament tal-Partiti Politiċi Ewropej	21 794 200	- 208 000	21 586 200	21 585 794	100,0 %
4 0 3 0	Finanzjament tal-Fondazzjonijiet Politiċi Ewropej	12 400 000	0	12 400 000	12 400 000	100,0 %
4 2 2 0	Assistenza parlamentari	185 299 000	3 474 000	188 773 000	187 638 380	99,4 %
4 2 2 2	Telf mill-kambju	500 000	200 000	700 000	662 641	94,7 %
4 4 0 0	In-nefqa għal-laqgħat u għal attivitajiet oħra tal-eks Membri Parlamentari	200 000	0	200 000	200 000	100,0 %
4 4 2 0	Spejjeż ta' laqgħat u attivitajiet oħra tal-Assoċjazzjoni Parlamentari Ewropea	175 000	0	175 000	175 000	100,0 %
10 0	APPROPRJAZZJONIJIET PROVVIŻORJI	12 912 765	- 12 912 765	0	0	—
10 1	RIŻERVA TA' KONTINĠENZA	9 000 000	- 9 000 000	0	0	—
10 3	RIŻERVA GĦAT-TKABBIR	0	0	0	0	—

						(EUR)
Partita	Intestatura	Approprijazzjonijiet inizjali	Trasferimenti	Approprijazzjonijiet finali	Impenji	użu
10 4	RIŻERVA GĦALL-POLITIKA TAL-INFORMAZZJONI U L-KOMUNIKAZZJONI	0	0	0	0	—
10 5	APPROPRJAZZJONIJIET PROVVIŻORJI GĦALL-BINI	0	0	0	0	—
10 6	RIŻERVA GĦALL-OBJETTIVI TA' PRIJORITÀ L-ĠODDA	0	0	0	0	—
10 8	Riżerva tal-EMAS	1 000 000	- 1 000 000	0	0	—
T O T A L		1 750 463 939	0	1 750 463 939	1 735 963 486	99,2 %

ISSN 1977-0987 (edizzjoni elettronika)
ISSN 1725-5198 (edizzjoni stampata)



L-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea
2985 Il-Lussemburgu
IL-LUSSEMBURGU

MT